# KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI

VERICA TRSTENJAK

ippreżentati fl-24 ta' Jannar 2008 [1]

## Werrej

I — Introduzzjoni . . . . . I - 211

II — Il-kuntest ġuridiku . . . . . I - 212

A — Id-dritt Komunitarju . . . . . I - 212

B — Il-liġi nazzjonali . . . . . I - 212

III — Il-fatti, il-kawża prinċipali u d-domandi rrinvjati . . . . . I - 216

IV — Proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja . . . . . I - 218

V — L-argumenti prinċipali tal-partijiet . . . . . I - 218

A — L-ewwel domanda . . . . . I - 218

B — It-tieni domanda . . . . . I - 221

VI — Analiżi . . . . . I - 223

A — Fuq l-ewwel domanda . . . . . I - 223

1. Rimarki preliminari . . . . . I - 223

2. Id-dritt għal-leave annwali bil-ħlas bħala dritt soċjali fundamentali . . . . . I - 224

3. Id-dritt għal perijodu minimu ta' leave annwali bil-ħlas fid-dritt Komunitarju I - 228

a) Il-kompetenza tal-Komunità sabiex tiġi stabbilita l-portata tal-protezzjoni mogħtija mir-regola . . . . . I - 228

b) Il-livell ta' protezzjoni garantit mid-dritt Komunitarju . . . . . I - 230

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

c) Il-livell ta' protezzjoni ggarantit mill-Konvenzjoni tal-ILO Nru 132 . . . I - 231

4. Il-projbizzjoni tal-liġi dwar l-impjieg ta' effetti negattivi bħala ostakolu għall-eżerċizzju tad-dritt għal perijodu minimu ta' leave annwali bil-ħlas . . . . . I - 232

a) Il-projbizzjoni ta' effetti negattivi skont il-Konvenzjoni Nru 132 . . . . . I - 233

b) L-applikabbilità tal-prinċipji żviluppati fil-ġurisprudenza . . . . . I - 233

c) Inkomaptibbiltà mal-ispirtu u l-għan tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 . . . . . I - 235

5. Konklużjoni . . . . . I - 236

B — It-tieni domanda . . . . . I - 237

VII — Konklużjoni . . . . . I - 239

## I — Introduzzjoni

1. B'digriet tat-13 ta' Diċembru 2006 l-House of Lords irrinivjat lill-Qorti tal-Ġustizzja żewġ domandi għal deċiżjoni prelminari skont l-Artikolu 234 KE dwar l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 7(1) u (2) tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ta' l-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol [2] ('id-Direttiva 2003/88').

2. Id-domandi rrinvijati lill-Qorti tal-Ġustizzja tqajmu f'kawża ppreżentata minn ex impjegati u impjegati eżistenti (iktar 'il quddiem, l-"appellanti") tal-awtorità amministrattiva Britannika tat-taxxi u d-dwana, HM Revenue and Customs, kontra dik l-awtorità (iktar 'il quddiem, l-"appellata") fejn l-ogħla qorti tal-appell tar-Renju Unit f'kwistjonijiet ċivili qed tintalab tiddeċiedi jekk l-appellanti għandhomx drittijiet kontra l-appellata għal-leave annwali mħallas jew għal pagament ta' benefiċċju bħala kumpens għal-leave li ma jkunx ittieħed.

3. Dawn id-domandi essenzjalment jirrigwardaw il-kwistjoni jekk ħaddiem li jkun assenti bil-leave għal mard huwiex intitolat jieħu leave annwali bil-ħlas matul il-perijodu tal-leave għal mard u safejn ħaddiem li jkun assenti bil-leave għal mard matul is-sena ta'

2 — ĠU L 299, p. 9.

leave in kwistjoni kollha jew matul parti minnha huwa intitolat għall-pagament ta' benefiċċju bħala kumpens għal-leave li ma jkunx ittieħed mat-terminazzjoni tar-relazzjoni ta' impjieg.

## II — Il-kuntest ġuridiku

### A — *Id-dritt Komunitarju*

4. Id-Direttiva 2003/88 issostitwiet id-Direttiva 93/104/KE tat-23 ta' Novembru 1993 dwar xi aspetti ta' l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol [3] fit-2 ta' Awwissu 2004. L-għan tagħha, bħal dak tad-direttiva li ppreċedietha, huwa li tistabbilixxi obbligi minimi speċifiċi dwar sigurtà u saħħa fl-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol. L-Artikolu 7 tagħha, li nżamm mingħajr tibdil, jistipula kif ġej:

"Leave Annwali

1) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa ħalli jassiguraw li kull ħaddiem ikun intitolat għal-leave annwali bil-ħlas [bil-ħlas] ta' mill-anqas erba' ġimgħat b'konformità mal-kundizzjonijiet għall-intitolament għal, u l-għoti ta', leave bħal dan stabbilit bil-leġislazzjoni nazzjonali u/jew bil-prattika.

2) Il-perjodu minimu ta' leave annwali bil-ħlas [bil-ħlas] ma jistax ikun mibdul b'pagament ta' benefiċċji bħala kumpens [għal-leave li ma jkunx ittieħed], apparti minn meta r-relazzjoni ta' l-impieg tkun ġiet itterminata.

5. L-Artikolu 17 tad-Direttiva 2003/88 jipprovdi li l-Istati Membri jistgħu jidderogaw minn ċerti dispożizzjonijiet. L-Artikolu 7 mhuwiex waħda mid-dispożizzjonijiet li minnhom id-Direttiva 2003/88 tippermetti deroga.

### B — *Il-liġi nazzjonali*

6. L-Artikolu 7(1) u inparti anki l-Artikolu 7 (2) tad-Direttiva 2003/88 ġew trasposti fir-Renju Unit bir-Regolamenti 13 u 16 tal-Working Time Regulations 1998 (SI 1998/1833) (ir-Regolamenti dwar il-Ħin tax-Xogħol, iktar 'il quddiem ir-"RĦX"). Fil-verżjoni emendata mill-Working Time

3 — ĠU L 307, p. 18.

(Amendment) Regulations 2001 (SI 2001/3256) (ir-Regolamenti li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħin tax-Xogħol), dawn jipprovdu, safejn hu rilevanti hawnhekk, kif ġej:

"*Regolament 13*

(1) Bla ħsara għall-paragrafu (5), ħaddiem huwa intitolat għal erba' ġimgħat leave annwali f'kull sena ta' leave.

[…]

(5) Meta d-data li fiha jibda l-impjieg ta' ħaddiem tkun iktar tard mid-data meta (permezz ta' ftehim rilevanti) tibda l-ewwel sena ta' leave tiegħu, il-leave li jkun intitolat għalih f'dik is-sena ta' leave huwa proporzjon tal-perijodu applikabbli skont il-paragrafu (1) ugwali għall-proporzjon ta' dik is-sena ta' leave li jkun fadal fid-data li fiha l-impieg tiegħu ikun beda.

[…]

(9) Il-leave li għalih huwa intitolat ħaddiem skont dan ir-regolament jista' ma jkunx ittieħed f'daqqa, iżda -

a) jista' jittieħed biss fis-sena ta' leave fir-rigward ta' liema hu dovut, u

b) ma jistax jiġi sostitwit b'pagament ta' benefiċċju bħala kumpens għal-leave li ma jkunx ittieħed ħlief fejn l-impieg tal-ħaddiem jiġi tterminat.

[…]

*Regolament 16*

(1) Ħaddiem huwa intitolat jitħallas fir-rigward ta' kull perijodu ta' leave annwali li għalih huwa intitolat skont ir-regolament 13, bir-rata ta' paga ta' ġimgħa fir-rigward ta' kull ġimgħa ta' leave."

7. Il-kalkolu ta' "paga ta' ġimgħa" hu speċifikat fil-leġiżlazzjoni. F'termini wiesgħa dan hu

ekwivalenti għall-ammont li ħaddiem jaqla' normalment f'ġimgħa.

8. Sabiex jeżerċita d-dritt tiegħu għal-leave annwali bil-ħlas skont ir-Regolament 13 RĦX, ħaddiem hu meħtieġ jagħti avviż bil-quddiem lil min jimpjegah (iktar 'il quddiem is-"sid") skont ir-Regolament 15 RĦX, li jipprovdi, sa fejn hu rilevanti hawnhekk, kif ġej:

"(1) Ħaddiem jista' jieħu l-leave li għalih huwa intitolat skont ir-Regolament 13 f'dawk il-ġranet li jagħżel hu billi jagħti avviż lil min jimpjegah b'mod konformi mal-paragrafu (3), bla ħsara għal kwalunkwe obbligu impost fuqu minn min jimpjegah skont il-paragrafu (2).

(2) Min jimpjega ħaddiem jista' jobbligah —

a) jieħu l-leave li għalih huwa intitolat il-ħaddiem skont ir-Regolament 13; jew

b) ma jiħux dan il-leave,

fi ġranet partikolari, billi jagħti avviż lill-ħaddiem b'mod konformi mal-paragrafu (3).

(3) Avviż skont il-paragrafu (1) u (2)

a) jista' jirreferi għal-leave kollu jew parti minnu li għalih huwa intitolat ħaddiem f'sena ta' leave;

b) għandu jispeċifika l-ġranet li fihom il-leave għandu jew (skont il-każ) m'għandux jittieħed u, fejn il-leave f'ġurnata partikolari jirrigwarda biss parti mill-ġurnata, it-tul ta' żmien tiegħu; u

c) għandu jingħata lil min jimpjega jew, skont il-każ, lill-ħaddiem qabel id-data rilevanti.

(4) Id-data rilevanti, għall-iskopijiet tal-paragrafu (3) għandha tikkorrispondi -

a) fil-każ ta' avviż skont il-paragrafu (1) jew (2), għad-doppju tan-numru ta' ġranet

sħaħ jew parzjali li jirreferi għalihom l-avviż qabel l-ewwel ġurnata indikata fl-avviż; u

b) fil-każ ta' avviż skont paragrafu (2)(b) għall-istess numru ta' ġranet sħaħ jew parzjali li jirreferi għalihom l-avviż qabel l-ewwel ġurnata indikata fih."

(2) Meta l-proporzjon ta' leave li jkun ittieħed mill-ħaddiem huwa inqas mill-proporzjon tas-sena ta' leave li tkun għaddiet, min jimpjegah għandu jħallsu benefiċċju bħala kumpens għal-leave li ma jkunx ittieħed b'mod konformi mal-paragrafu (3).

(3) Il-ħlas dovut skont il-paragrafu (2) għandu jkun —

9. Ir-Regolament 14 RĦX jirrigwarda s-sitwazzjoni fejn ir-relazzjoni ta' impjieg tiġi tterminata. Dan jipprovdi kif ġej:

a) dik is-somma li jista' jkun li tkun ġiet ipprovvduta għall-finijiet ta' dan ir-regolament fi ftehim rilevanti, jew

"(1) Dan ir-regolament japplika fejn:

b) […] somma ugwali għall-ammont li kien ikun dovut lill-ħaddiem skont ir-Regolament 16 fir-rigward ta' perijodu ta' leave stabbilit skont il-formula —

a) l-impjieg ta' ħaddiem jiġi tterminat matul is-sena ta' leave tiegħu, u

(A x B) — C

b) fid-data meta t-terminazzjoni tieħu effett ('id-data tat-terminazzjoni'), il-proporzjon li jkun ħa mil-leave li għalih hu intitolat fis-sena ta' leave skont ir-regolament 13 ikun differenti mill-proporzjon tas-sena ta' leave li tkun għaddiet.

fejn —

A huwa l-perijodu ta' leave li għalih hu intitolat il-ħaddiem skont ir-Regolament 13;

B huwa l-proporzjon tas-sena ta' leave tal-ħaddiem li jkun għadda qabel id-data tat-terminazzjoni.

C huwa l-perijodu ta' leave meħud mill-ħaddiem bejn il-bidu tas-sena ta' leave u d-data tat-terminazzjoni."

## III — Il-fatti, il-kawża prinċipali u d-domandi rrinvjati

10. L-appellanti fil-kawża prinċipali kienu kollha ħaddiema impjegati mal-appellata [4]. Huma jaqgħu taħt żewġ kategoriji.

11. Fl-ewwel kategorija hemm S. Khan. Din kienet ħadet leave tal-mard għal perijodu indefinit matul numru ta' xhur u kienet qiegħda titħallas benefiċċju għall-mard. Fl-10 ta' Ottubru 2003, matul dak il-perijodu ta' leave tal-mard hija tat avviż lis-sid tagħha fejn informatu li xtaqet tieħu 20 ġurnata leave annwali bil-ħlas mis-17 ta' Novembru sal-11 ta' Diċembru 2003. Is-sid irrifjuta din it-talba. S. Khan bdiet proċeduri quddiem l-Employment Tribunal abbażi tar-Regolament 13 RĦX fejn sostniet li kellha d-dritt tieħu l-leave annwali u titħallas matul il-leave annwali tagħha skont ir-Regolament 16 RĦX. L-Employment Tribunal laqa' t-talba tagħha u ordna lis-sid biex iħallasha GBP 595.32.

12. Fit-tieni kategorija hemm K. Ainsworth, S. Kilic u M. Thwaites. Huma lkoll ġew imkeċċija mis-sid tagħhom. Kollha kienu ħadu leave tal-mard fit-tul u kienu ħadu l-leave tal-mard matul is-sena ta' leave li fiha tkeċċew. Ħadd minnhom ma kien ħa xi leave annwali matul dik is-sena. Huma bdew proċeduri quddiem l-Employment Tribunal fejn talbu pagamenti skont ir-Regolament 14 RĦX, li jirrigwarda s-sitwazzjoni tal-ħaddiema meta r-relazzjoni ta' impjieg tkun ġiet itterminata. F'kull każ l-Employment Tribunal laqa' t-talbiet tagħhom u kkalkula l-kumpens dovut skont il-formula tar-regolament 14(3) RĦX. B'ħekk, K. Ainsworth ġie akkordat GBP 16.14, S. Kilic GBP 454.74 u M.Thwaites GBP 967.14.

13. L-appellata appellat minn dawn id-deċiżjonijiet quddiem l-Employment Appeals Tribunal, li ċaħad l-appelli imma awtorizza li jiġi ppreżentat appell quddiem il-Court of Appeal.

4 — Bl-eċċezzjoni ta' C. Stringer, l-appellanti kollha fil-kawża prinċipali huma rrappreżentati f'din il-kawża. Għalkemm hija mhijiex rappreżentata fil-proċeduri ta' l-appell quddiem il-House of Lords, isimha baqa' jintuża fl-okkju tal-kawża fil-proċeduri nazzjonali.

14. Il-Court of Appeal semgħet il-kawżi flimkien u laqgħet l-appell tas-sid. Din iddeċidiet (fost affarijiet oħra) kif ġej:

— Fil-każ ta' S. Khan, il-Court of Appeal aċċettat is-sottomissjoni tas-sid li ħaddiem ma jistax jieħu l-leave annwali tiegħu għall-finijiet tar-Regolament 13 matul perijodu li fih ħaddiem ikun bil-leave tal-mard u b'riżultat ta' dan ma jkunx obbligat jaħdem.

— Fil-każ ta' K. Ainsworth, S. Kilic u M. Thwaites, il-Court of Appeal aċċettat l-argument tas-sid li, għall-finijiet tal-kalkolu tal-kumpens dovut mat-terminazzjoni skont ir-Regolament 14, jekk ħaddiem ma jkollu ebda dritt jieħu leave annwali skont ir-Regolament 13 għax kien assenti minħabba mard, konsegwentement ma jkunx intitolat għal pagament kumpensatorju skont ir-Regolament 14.

15. L-impjegati appellaw quddiem il-House of Lords. Wara li semgħet il-partijiet, il-House of Lords ikkonkludiet li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(1) u (2) tad-Direttiva 2003/88 hija miftuħa għall-kontestazzjoni. Hija tieħu l-pożizzjoni li, għalkemm il-kwistjonijiet imqajma fil-kawża preżenti huma simili għal dawk li tqajmu fil-Kawża C-350/06 Schultz-Hoff, f'ċerti aspetti huma differenti. Id-domandi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Schultz-Hoff jistgħu għalhekk ma jkunux determinanti għas-soluzzjoni tal-kwistjonijiet imqajma fl-appell preżenti. Hija għalhekk iddeċidiet li tirrinvija d-domandi għal deċiżjoni preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tkun f'pożizzjoni li tid-disponi mill-appelli:

"(1) L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li ħaddiem li jieħu leave tal-mard għal perijodu indefinit għandu d-dritt (i) jagħżel perijodu fil-futur bħala leave annwali mħallas u (ii) jieħu leave annwali mħallas, fiż-żewġ każijiet matul perijodu li altrimenti kien ikun inkluż fil-leave għal mard?

(2) Jekk Stat Membru jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu biex jissostitwixxi l-perijodu minimu ta' leave annwali bil-ħlas ta' benefiċċju bħala kumpens għal-leave li ma jkunx ittieħed mat-terminazzjoni ta' impjieg skont l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88/KE, f'ċirkostanzi fejn ħaddiem ikun ilu bil-leave għal mard għas-sena ta' leave kollha jew għal parti mis-sena ta' leave li fiha r-relazzjoni tal-impjieg tkun ġiet itterminata, l-Artikolu 7 (2) jimponi xi obbligi jew jistabbilixxi xi kriterji dwar jekk il-benefiċċju għandux jitħallas jew dwar kif għandu jiġi kkalkolat?"

## IV — Proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

16. Id-deċiżjoni tar-rinviju ġiet ippreżentata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-20 ta' Diċembru 2006.

17. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub fit-terminu previst mill-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja mill-appellanti fil-kawża prinċipali, mill-Gvernijiet tar-Renju Unit, tas-Slovenja, tal-Belġju, tal-Italja, tal-Polonja u tar-Repubblika Ċeka, u mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej.

18. Waqt is-seduta fl-20 ta' Novembru 2007 ġew ippreżentati osservazzjonijiet orali mill-aġenti tal-appellanti fil-kawża prinċipali, mill-Gvernijiet tar-Renju Unit u tal-Olanda, u mill-Kummissjoni.

## V — L-argumenti prinċipali tal-partijiet

### A — *L-ewwel domanda*

19. L-appellanti jsostnu li d-dritt għal-leave annwali bil-ħlas ipprovdut mill-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 huwa dritt soċjali fundamentali li minnu ma jista' jkun hemm ebda deroga. L-iskop tad-Direttiva 2003/88, jiġifieri li jiġu mtejba l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol tal-ħaddiema bl-approssimazzjoni ta' regoli nazzjonali li jikkonċernaw il-leave, jiġi, huma jissottomettu, imdgħajjef jekk ħaddiem kellu jiġi mċaħħad mid-dritt li jindika perijodu partikolari bħala leave. Barra dan, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja id-dritt li wieħed jieħu perijodu ta' leave iggarantit mil-liġi Komunitarja ma jistax jaffettwa d-dritt li wieħed jieħu perijodu ta' leave ieħor iggarantit b'dik il-liġi u li jservi għan differenti. Fl-aħħar nett, interpretazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 fis-sens li assenza bil-leave tal-mard tneħħi jew tnaqqas id-dritt li wieħed jieħu leave annwali tostakola l-eżerċizzju effettiv ta' dak id-dritt.

20. Il-Gvernijiet tal-Belġju, tar-Repubblika Ċeka, tas-Slovenja u tar-Renju Unit jieħdu pożizzjoni differenti.

21. Fil-fehma tal-Gvern Belġjan, l-ewwel domanda għandha tiġi risposta fin-negattiv fid-dawl tal-għan tad-direttiva. Dan il-għan, jiġifieri li jiġi mtejjeb l-ambjent tax-xogħol

sabiex jiġu protetti s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem, huwa evidenti i*nter alia* mill-preambolu għad-direttiva u l-predeċessur tagħha d-Direttiva 93/104, il-ġabra fil-qosor tar-raġunijiet għall-proposta għad-direttiva, l-Artikolu 1(1) tad-direttiva, u l-bażi legali tagħha, jiġifieri l-Artikolu 137 KE. Dan l-iskop hu kkofermat bil-ġurisprudenza. Tweġiba affermattiva għall-ewwel domanda tmur kontra dan il-għan peress li l-possibbiltà li wieħed jieħu leave annwali matul perijodu ta' assenza bil-leave tal-mard ma tgħinx biex jiġi mtejjeb l-ambjent tax-xogħol. L-għan jista' raġonevolment jintlaħaq biss jekk ħaddiem jieħu l-leave meta effettivament ikun qed jaħdem jew ikun taħt obbligu li jaħdem. Barra dan, dawn id-domandi huma suġġetti għall-ġurispudenza u l-prattika nazzjonali.

22. Anki l-Gvern Ċek huwa tal-fehma li l-ewwel domanda għandha tiġi mwieġba fin-negattiv. Huwa jirrileva li d-direttiva ma tagħmilx referenza espressament għad-dritt li ħaddiem jieħu l-leave waqt li jkun marid u għalhekk l-intenzjonijiet tal-leġiżlatur Komunitarju huma rilevanti għar-risposta għall-ewwel domanda. Il-kwistjoni deċiżiva hija jekk id-dritt tal-impjegat għal-leave annwali bil-ħlas għandux jiġi rispettat fl-Istati Membri kollha b'mod inkondizzjontat u indipendentement mis-sitwazzjoni legali eżistenti. Il-Gvern Ċek jissottometti li r-risposta għal din id-domanda għandha tkun fin-negattiv. Id-dritt għal-leave huwa mogħti biss fil-kuntest ta' liġi nazzjonali speċifika peress li l-iskop ġenerali tad-direttiva jista' jintlaħaq b'diversi modi. Id-domandi mqajma f'din it-tilwima ma jikkonċernawx l-eżistenza effettiva tad-dritt għal-leave annwali bil-ħlas imma semplicement ir-regoli dettaljati għall-għoti tiegħu, li għandhom jiġu stipulati biss mil-liġi nazzjonali.

23. Fil-fehma tal-Gvern tas-Slovenja, id-domanda għandha tiġi analizzata fid-dawl tal-għan tal-leave annwali, li huwa li tiġi ppreżervata s-saħħa tal-ħaddiema fuq perijodu qasir u fuq perijodu twil. L-għan tad-direttiva huwa ċar mill-preambolu tagħha kif ukoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, skont liema d-dritt għal-leave annwali bil-ħlas huwa prinċipju partikolarment importanti tal-liġi soċjali li minnu jista' jkun hemm derogi biss f'każijiet eċċezzjonali previsti mid-direttiva. L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 ma jippermettix li ħaddiem li jkun assenti għal perijodu indefinit bil-leave għal mard li jiddefinixxi din l-assenza kontinwa bħala leave annwali, u lanqas ma tippermettilu jieħu l-leave annwali tiegħu matul il-leave tal-mard tiegħu peress li l-leave annwali u l-leave tal-mard, minħabba l-għan tagħhom, jeskludu lil xulxin.

24. Fil-fehma tal-Gvern tar-Renju, Unit l-ispirtu u l-għan tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 jikkonsistu fil-protezzjoni tas-saħħa

ta' dawk li jkunu qed jaħdmu effettivament billi jiġi ggarantit il-leave. Il-leave fl-aħħar mill-aħħar ma jkun ta' ebda użu għal ħaddiema li effettivament ma jkunux qed jaħdmu u għalhekk tqum id-domanda 'leave minn xiex ?'

25. Il-kwistjoni tal-leave annwali matul il-leave tal-mard fil-fatt tirrigwarda l-kwistjoni taż-żamma tal-paga, li fil-każ tal-leave annwali hija ogħla milli fil-każ ta' kontinwazzjoni tal-paga fl-eventwalità ta' mard. Madankollu dan l-aspett finanzjarju huwa rrilevanti fid-dawl tal-għan tad-direttiva li tiġi protetta s-saħħa tal-ħaddiema. Il-ħlas ta' paga għall-vakanzi lil ħaddiem li jkun diġà bil-leave għal mard ma jkun xejn iktar minn vantaġġ inġustifikat għall-ħaddiem u spiża mhux ġustifikata għas-sid. Barra minn hekk, l-obbligu li jsir pagament bħal dan jista' jkollu l-effett mhux mixtieq li fil-każ ta' mard fit-tul is-sid jispiċċa minflok itemm il-kuntratti tal-impjieg biex jevita dan ir-riskju ta' spiża.

26. Il-Gvernijiet tal-Italja u tal-Polonja u l-Kummissjoni jieħdu pożizzjoni pjuttost iktar ikkwalifikata.

27. Il-Gvern Taljan isostni li l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 għandu jinftiehem bħala li jfisser li ħaddiem li jkun assenti għal perijodu indefinit bil-leave tal-mard hu intitolat għal-leave annwali li jkun jestendi lil hinn mis-sena kurrenti, peress li jidher li huwa inkompatibbli mal-prinċipji Komunitarji li d-dritt għal-leave jintilef anki jekk il-ħaddiem kien leġittimament assenti mix-xogħol għal raġunijiet ta' saħħa. Il-Gvern Taljan jagħmel referenza għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li tistipula li fl-eventwalità tal-aggregazzjoni ta' diversi perijodi ta' leave iggarantiti mid-dritt Komunitarju fl-aħħar ta' sena, it-trasferiment tal-leave għas-sena kalendarja segwenti huwa inevitabbli. Madankollu, l-iskopijiet differenti tal-leave annwali u tal-leave tal-mard jipprekludu lil ħaddiem milli jieħu l-leave annwali matul il-leave tal-mard tiegħu.

28. Il-Gvern Pollakk jikkunsidra li l-ewwel domanda għandha tiġi eżaminata fid-dawl tal-għanijiet u l-prinċipji li huma inklużi fid-Direttiva 2003/88. B'ħekk, l-iskop li ħaddiem jiġi eżentat mix-xogħol għal raġunijiet ta' saħħa huwa differenti minn dak tal-leave annwali. L-ewwel każ jinvolvi eżenzjoni minn xogħol sabiex il-ħaddiem ikun jista' jirkupra l-kapaċità għax-xogħol matul il-konvalexxenza tiegħu. Fit-tieni każ, il-ħaddiem jingħata eżenzjoni mix-xogħol sabiex ikun jista' jirkupra fiżikament u jkompli bix-xogħol normali tiegħu. Il-Gvern Pollakk għalhekk jikkonkludi li l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 għandu jiġi interpretat bħala li jfisser li ħaddiem bil-leave tal-mard ma jistax jieħu l-leave annwali fl-istess ħin.

29. Fil-fehma tal-Kummissjoni, meta tiġi interpretata d-direttiva, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-għan tagħha li jiġu mtejba l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol tal-ħaddiema. Hija tieħu l-pożizzjoni li jekk l-ewwel domanda tiġi risposta fl-affermattiv, jinħolqu ċerti riskji għad-drittijiet tal-ħaddiema. Peress li l-ħlas kontinwu tar-

renumerazzjoni f'każ ta' mard huwa inqas mill-paga medja tal-ħaddiem, ma tistax tiġi eskluża l-possibbiltà li ħaddiem marid ikun ittantat, għal raġunijiet finanzjarji, li jitlob leave annwali bil-ħlas.

30. Barra dan, il-Kummissjoni tikkunsidra li mhuwiex loġiku li ħaddiem jiġi awtorizzat jieħu l-leave annwali tiegħu fi żmien meta jkun qed jirkupra minn mard jew korriment. Barra minn hekk, din tikkunsidra li l-funzjoni ta' serħan tal-leave annwali tista' tiġi ssalvagwardjata biss jekk perijodi ta' leave jsegwu minn wieħed għall-ieħor għax altrimenti jkun hemm il-periklu li ħaddiem jirrinunzja għal-leave għal mard tiegħu favur il-leave annwali taħt pressjoni possibbli mis-sid tiegħu.

31. Fl-osservazzjonijiet orali tiegħu l-Gvern tal-Olanda jfisser id-dubju tiegħu dwar l-applikabbilità tad-Direttiva 2003/88 għal każijiet fejn ħaddiema jkunu assenti bil-leave għal mard għar-raġuni li din mhijiex kwistjoni rregolata bid-Direttiva. Huwa jargumenta li l-iskop tad-Direttiva 2003/88 huwa limitat għal ħaddiema attivi biss, bir-riżultat li tapplika biss il-liġi nazzjonali għall-każ preżenti. Madankollu, in-numru kbir ta' regoli nazzjonali ma jippermettix li jsiru konklużjonijiet validi b'mod ġenerali fir-rigward tad-drittijiet ta' ħaddiema morda.

B — *It-tieni domanda*

32. L-appellanti jsostnu li d-dritt għal pagament ta' benefiċċju bħala kumpens għal-leave li ma jkunx ittieħed stipulat fl-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 ma jistax jiġi mnaqqas fejn il-ħaddiem kien assenti bil-leave tal-mard għas-sena kollha jew għal parti mis-sena li fiha r-relazzjoni tal-impjieg tkun ġiet itterminata.

33. Alternattivament, l-appellanti jargumentaw li l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 ma jimponi l-ebda rekwiżiti partikolari dwar kif id-dritt għall-pagament ta' benefiċċju bħala kumpens għal-leave li ma jkunx ittieħed għandu jiġi eżerċitat.

34. Fil-fehma tal-Gvern Belġjan it-tweġiba għat-tieni domanda hi, bħal fil-każ tal-ewwel domanda, evidenti mill-ispirtu u l-għan tad-direttiva li jiġu mtejba l-kundizzjonijiet taxxogħol sabiex jiġu protetti s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, li ma jibqgħux iktar f'riskju ġaladarba r-relazzjoni tal-impjieg tiġi tterminata. Il-Gvern Belġjan għalhekk jipproponi li t-tieni domanda tiġi risposta fin-negattiv, fissens li l-kundizzjonijiet u r-regoli dettaljati rigward il-kumpens finanzjarju ma jaqgħux taħt id-direttiva u minflok huma rregolati milleġiżlazzjoni u l-prassi nazzjonali.

35. Anki l-Gvern Ċek jibbaża ruħu fuq l-għan tad-direttiva biex jiġġustifika r-risposta negattiva tiegħu għat-tieni domanda. Skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2003/88, "ħin tax-xogħol" ifisser kwalunkwe perijodu li matulu l-ħaddiem ikun ix-xogħol, għad-dispożizzjoni ta' min jimpjegah u "perijodu ta' serħan" bħala kwalunkwe perijodu li ma jkunx il-ħin tax-xogħol. Il-fatt li ma jingħataw l-ebda perijodi ta' serħan ta' kuljum, pereżempju, matul assenza għal raġunijiet ta' mard juri li kull għotja ta' leave hija dipendenti fuq il-fatt li l-ħaddiem ikun qed jaħdem jew ikun għad-dispożizzjoni ta' min jimpjegah. Għalhekk, m'hemm l-ebda dritt għal-leave fir-rigward ta' dawn il-perijodi u għalhekk l-ebda dritt korrispondenti għall-pagament ta' benefiċċju bħala kumpens għal-leave li ma ma jkunx ittieħed matul assenza bil-leave għal mard. Konsegwentement, għalkemm id-direttiva ma tipprekludix regola nazzjonali korrispondenti, hija ma tistipula l-ebda kundizzjonijiet rigward id-dritt possibbli għal pagament ta' benefiċċju bħala kumpens fir-rigward ta' leave li ma jkunx ittieħed minħabba mard.

36. Anki l-Gvern Sloven isostni li t-tieni domanda għandha tiġi risposta fin-negattiv. Dan jagħmel referenza għall-argumenti tiegħu rigward l-ewwel domanda u jżid jgħid li d-direttiva ma tiggarantixxix lil ħaddiem dritt għall-pagament ta' benefiċċju bħala kumpens għal-leave tiegħu li ma jkunx ittieħed. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal benefiċċju bħal dan u paragun bejn il-liġi tas-Slovenja u tar-Renju Unit juri li l-Istati Membri adottaw regoli differenti f'dan ir-rigward. Madankollu, fejn Stat Membru jipprovdi għal benefiċċju bħal dan, il-kalkolu tiegħu huwa suġġett biss għal-liġi nazzjonali.

37. Fir-rigward tat-tieni domanda l-Gvern tar-Renju Unit jirrileva li r-risposta — negattiva — issegwi neċessarjament mir-risposta tiegħu għall-ewwel domanda. Peress li fil-każ ta' assenza bil-leave tal-mard matul il-perijodu ta' referenza kollu ma jeżisti l-ebda dritt għal-leave, loġikament lanqas ma jeżisti xi dritt għall-pagament ta' benefiċċju bħala kumpens għal-leave li ma jkunx ittieħed f'dan il-każ. Barra dan, għalkemm l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 jippermetti lill-Istati Membri biex jipprovdu għall-pagament ta' benefiċċju għal-leave li ma jkunx ittieħed fejn ir-relazzjoni ta' impjieg tiġi tterminata, dan ma tobbligahomx jagħmlu dan. Għalhekk, l-Istati Membri waħidhom huma responsabbli biex jistabbilixxu regoli dettaljati dwar kwalunkwe pagament ta' benefiċċju li jista' jiġi pprovdut.

38. Fil-fehma tal-Gvern Taljan, ir-risposta għat-tieni domanda toħroġ ċara mill-argumenti rigward l-ewwel domanda. B'hekk, ħaddiem huwa dejjem intitolat għall-pagament ta' benefiċċju bħala kumpens għal-leave bil-ħlas li huwa ma setax jieħu minħabba mard matul is-sena kurrenti saż-żmien meta r-relazzjoni ta' impjieg tkun ġiet itterminata. Fil-kalkolu ta' dak il-benefiċċju, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni n-numru ta' xhur li l-ħaddiem ħadem wara l-perijodi ta' leave, u l-perijodi ta' leave għal mard għandhom jiġu ekwiparati ma' perijodi ta' servizz.

39. Il-Gvern Pollakk jirrileva li d-dritt għall-pagament ta' benefiċċju bħala kumpens għal-leave li ma jkunx ittieħed huwa sostitut għal-leave annwali. Meta r-relazzjoni ta' impjieg tiġi tterminata, id-dritt għal-leave annwali jiġi

kkonvertit f'dritt għall-pagament ta' benefiċċju bħala kumpens għal-leave li ma jkunx ittieħed. Għal din ir-raġuni, l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 għandha tiġi interpretata bħala li tfisser li ħaddiem huwa intitolat għal kumpens għall-perijodu li fir-rigward tiegħu huwa jkun akkwista dritt għal-leave annwali bil-ħlas.

40. Fil-fehma tal-Kummissjoni, l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 jagħti kumpens finanzjarju għat-telf ta' leave annwali li ħaddiem ma kienx f'pożizzjoni li jieħu qabel it-terminazzjoni tar-relazzjoni ta' impjieg. Perijodi ta' assenza għal raġunijiet indipendenti mir-rieda tal-ħaddiem, bħal mard jew aċċidenti, għandhom jiġu kkunsidrati bħala perijodi ta' servizz u għalhekk għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tad-dritt għal-leave annwali bil-ħlas. Barra dan, id-direttiva ma tawtorizzax lill-Istati Membri biex jillimitaw jew jirtiraw dan id-dritt tal-ħaddiem. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkunsidra li ħaddiem għandu jingħata dritt għall-pagament ta' benefiċċju bħala kumpens għal-leave li ma jkunx ittieħed minkejja l-assenza tiegħu bil-leave għal mard.

41. Għal dak li jirrigwarda l-ammont tal-benefiċċju bħala kumpens għal-leave li ma jkunx ittieħed f'każijiet individwali, il-Kummissjoni ssostni li dan għandu, sa fejn ikun effettivament jeżisti d-dritt għal-leave annwali bil-ħlas, jiġi evalwat bl-istess rata tar-renumerazzjoni dovuta lill-ħaddiem.

## VI — Analiżi

### A — *Fuq l-ewwel domanda*

#### 1. Rimarki preliminari

42. Bl-ewwel domanda, il-House of Lords tqajjem problema fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 dwar il-portata tad-dritt tal-ħaddiema għal-leave bil-ħlas li hu ggarantit minn din id-dispożizzjoni. B'mod speċifiku, id-domanda hi jekk skont id-dritt Komunitarju, ħaddiema li jsiru inkapaċi għax-xogħol minħabba mard humiex bħala regola intitolati għal-leave annwali bil-ħlas u, jekk hu hekk, jekk dawn jistgħux jeżerċitaw dan id-dritt għal-leave matul perijodu li fih ikunu bil-leave għal mard.

43. Il-problema li tqajmet tikkonċerna żewġ aspetti differenti tad-dritt għal-leave annwali bil-ħlas li fir-rigward tagħhom, fil-fehma tiegħi, għandha ssir distinżjoni ċara. L-ewwel wieħed għandu x'jaqsam propju mal-eżistenza tad-dritt innifsu u t-tieni wieħed mal-kundizzjonijiet li jirregolaw l-eżerċizzju prattiku tiegħu. Għall-finijiet ta' kjarezza, iż-żewġ aspetti għandhom jiġu kkunsidrati wara xulxin.

44. Fil-kawża preżenti l-Qorti tal-Ġustizzja qed tintalab tiddeċidi b'mod konkret dwar

jekk id-dritt Komunitarju jikkonferix ċerti drittijiet fuq il-ħaddiema. Madankollu, titqajjem impliċitament ukoll il-kwistjoni dwar liema kundizzjonijiet timponi d-Direttiva 2003/88 fuq il-liġi nazzjonali biex dawn id-drittijiet tal-ħaddiema jkunu jistgħu jiġu eżerċitati. Konsegwentement, l-analiżi legali ta' hawn taħt tammonta għal interpretazzjoni tal-espressjoni "b'konformità mal-kundizzjonijiet għall-intitolament għal, u l-għoti ta', leave bħal dan stabbilit bil-leġiżlazzjoni nazzjonali u/jew bil-prattika" li hi inkluża fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88".

45. Fir-rigward tad-diviżjoni tal-poteri leġiżlattivi bejn il-Komunità u l-Istati Membri fil-kuntest tal-għoti tad-dritt għal-leave annwali bil-ħlas, għandu l-ewwel jiġi rilevat li fl-adozzjoni tad-Direttiva 2003/88 il-leġiżlatur Komunitarju għamel użu minn strument legali li, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 249 KE, jagħti lill-awtoritajiet nazzjonali ċerta diskrezzjoni fir-rigward tal-għażla talforma u tal-metodi ta' traspożizzjoni imma fl-istess ħin jimponi kundizzjonijiet inkwantu d-direttiva hija vinkolanti fuq kull Stat Membru, fir-rigward tar-riżultat li għandu jinkiseb [5]. Konsegwentement, fir-rigward tat-traspożizzjoni tad-dritt għal-leave annwali bil-ħlas, is-sistemi legali nazzjonali jingħataw għażla kunsiderevoli imma mhux illimitata [6]. Għalhekk fit-twettiq tal-obbligu, stabbilit fl-Artikolu 7, li jieħdu l-miżuri neċessarji, l-Istati Membri għandhom dejjem jieħdu inkunsiderazzjoni l-għanijiet tad-Direttiva 2003/88.

2. Id-dritt għal-leave annwali bil-ħlas bħala dritt soċjali fundamentali

46. Fil-fehma tiegħi, sabiex ikun possibbli li tingħata risposta xierqa lill-qorti nazzjonali, jeħtieġ li jittieħed pass lura u li d-dritt għal-leave annwali bil-ħlas jiġi eżaminat kemm millat kif ġie implementat fil-liġi sekondarja fi ħdan is-sistema legali Komunitarja kif ukoll mil-lat tal-kuntest iktar wiesgħa tad-drittijiet soċjali fundamentali.

47. Fir-rigward, l-ewwel nett, tal-għan tad-Direttiva 2003/88, huwa ċar kemm mill-Artikolu 137 KE, li huwa l-bażi legali tagħha, u mill-Premessi 1, 4, 7 u 8 fil-preambolu tagħha kif ukoll mill-kliem tal-Artikolu 1(1) innifsu li l-għan tagħha huwa li tistabbilixxi kundizzjonijiet minimi sabiex jiġu mtejba l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol tal-ħaddiema permezz tal-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jikkonċernaw, b'mod partikolari, it-tul ta' żmien tal-ħin tax-xogħol [7]. L-armonizzazzjoni fil-livell Komunitarju fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol hija intiża biex tiggarantixxi protezzjoni aħjar tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema billi jiġi żgurat li dawn ikunu

5 — Ara s-sentenza ewlenija tat-8 ta' April 1976, Royer (48/75, Ġabra p. 497, punti 69 u 73), li fih jingħad li "[l-]Istati Membri huma[…]obbligati jagħżlu, fil-limiti tal-liberta mogħtija lilhom mill-Artikolu [249 KE], l-iktar forom u metodi xierqa biex tiġi żgurata l-effettività tad-direttivi, billi jingħata qies ta' l-għanijiet tagħhom" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

6 — Ara L. Stärker, *Kommentar zur EU-Arbeitszeit-Richtlinie*, Vjenna 2006, p. 81.

7 — Sentenzi tas-26 ta' Ġunju 2001, BECTU (C-173/99, Ġabra p. I-4881, punt 37); tad-9 ta' Settembru 2003, Jaeger (C-151/02, Ġabra p. I-8389, punti 45 u 47); tal-5 ta' Ottubru 2004, Pfeiffer *et*, (C-397/01 sa C-403/01, Ġabra p. I-8835, punt 91); u tal-1 ta' Diċembru 2005, Dellas *et* (C-14/04, Ġabra p. I-10253, punt 40).

intitolati għal perijodi minimi ta' serħan kuljum, kull ġimgħa u kull sena u waqfien xieraq mix-xogħol u billi jiġi pprovdut limitu massimu għat-tul medju tal-ġimgħa tax-xogħol [8].

48. Madankollu, fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88, wieħed għandu jżomm f'moħħu li d-dritt għal ammont minimu ta' leave annwali bil-ħlas ma ġiex rikonoxxut għall-ewwel darba fid-direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol: dan ilu li ġie inkluż, flimkien ma' indikazzjoni tal-perijodu ta' leave garantit, fost id-drittijiet soċjali fundamentali rikonoxxuti mid-dritt internazzjonali. Fil-livell internazzjonali dan id-dritt fundamentali hu msemmi, pereżempju, fl-Artikolu 24 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem [9], li jikkonferixxi fuq kulħadd "id-dritt għall-mistrieħ u ħin ħieles, inkluż il-limitazzjoni raġonevoli tas-sigħat ta' xogħol u vakanzi perjodiċi mħallsa". Dan hu rikonoxxut ukoll fl-Artikolu 2(3) tal-Karta Soċjali tal-Kunsill tal-Ewropa [10] u fl-Artikolu 7 (d) tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali [11] bħala manifestazzjoni tad-dritt ta' kulħadd għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u ekwi.

49. Fi ħdan l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO),li hija aġenzija speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti, id-dritt għal perijodu minimu ta' leave annwali bil-ħlas s'issa kien is-suġġett ta' żewġ konvenzjonijiet multilaterali. F'dan ir-rigward il-Konvenzjoni Nru 132 [12], li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ġunju 1973, emendat il-Konvenzjoni Nru 52 [13] li kienet fis-seħħ qabel. Dawn jimponu kundizzjonijiet vinkolanti fuq l-Istati firmatarji fir-rigward tal-implementazzjoni ta' dan id-dritt soċjali fundamentali fi ħdan is-sistemi legali nazzjonali tagħhom.

50. Madankollu, dawn id-diversi strumenti internazzjonali huma distinti minn xulxin kemm f'termini tal-kontenut sostantiv tagħhom kif ukoll tal-portata leġiżlattiva tagħhom peress li f'ċerti każijiet dawn huma konvenzjonijiet internazzjonali u f'oħrajn

8 — Sentenzi tat-3 ta' Ottubru 2000, Simap (C-303/98, Ġabra p. I-7963, punt 49; BECTU (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 38); Jaeger (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 46); tat-12 ta' Ottubru 2004, Wippel (C-313/02, Ġabra p. I-9483, punt 47); u Dellas *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 41).

9 — Id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti adottat fl-10 ta' Diċembru 1948 bir-Riżoluzzjoni 217 A (III).

10 — Il-Karta Soċjali Ewropea ġiet miftuħa għall-firem mill-Istati Membri tal-Kunsill ta' l-Ewropa f'Turin fit-18 ta' Ottubru 1961 u daħlet fis-seħħ fis-26 ta' Frar 1965. L-Artikolu 2(3) tagħha jistipula li, bil-għan li jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv tad-dritt għal kundizzjonijiet ta' xogħol ġusti, il-Partijiet Kontraenti jobbligaw ruħhom li jipprovdu għal minimu ta' ġimgħatejn vakanzi annwali mħallsin.

11 — Il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali ġiet adottata unanimament mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fid-19 ta' Diċembru 1966. L-Artikolu 7(d) tiegħu jgħid li '[l]-Istati partijiet għal din il-Konvenzjoni jirrikonoxxu d-dritt ta' kulħadd għat-tgawdija ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u favorevoli li jiżguraw, partikolarment: …[m]istrieħ, ħin ħieles u limitazzjoni raġonevoli tas-sigħat tax-xogħol u vakanzi perjodiċi mħallsin, kif ukoll renumerazzjoni għal vakanzi pubbliċi'.

12 — Il-Konvenzjoni Nru 132 dwar Vakanzi Annwali Mħallsin (riveduta 1970), adottata mill-Konferenza Ġenerali ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol fl-24 ta' Ġunju 1970, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ġunju 1973.

13 — Il-Konvenzjoni Nru 52 dwar Vakanzi Annwali Mħallsin, adottata mill-Konferenza Ġenerali ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol fl-24 ta' Ġunju 1936, li daħlet fis-seħħ fit-22 ta' Settembru 1939. Din il-Konvenzjoni ġiet riveduta mill-Konvenzjoni 132 imma għadha miftuħa għar-ratifikazzjoni.

dikjarazzjonijiet solenni mingħajr ebda forza legali [14]. Il-persuni li għalihom japplikaw huma wkoll differenti, bir-riżultat li l-klassi ta' persuni koperti ċertament mhijiex identika. Barra minn hekk, l-Istati firmatarji, bħala d-destinatarji ta' dawn l-istrumenti, huma ġeneralment mogħtija diskrezzjoni wiesgħa għal dik li hija implementazzjoni u għalhekk il-benefiċjarji ma jistgħux jibbażaw ruħhom direttament fuq id-drittijiet tagħhom. Madankollu, huwa sinjifikattiv li f'dawk l-istrumenti internazzjonali kollha d-dritt għal perijodu ta' leave bil-ħlas hu kjarament ikkunsidrat bħala wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema.

51. Iktar sinjifikattiv minn hekk, fil-fehma tiegħi, huwa l-fatt li l-inklużjoni ta' dan id-dritt fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [15] tidher li tipprovdi l-iktar konferma affidabbli u definittiva li dan jikkonstitwixxi dritt fundamentali [16]. L-Artikolu 31(2) tal-Karta jiddikjara li: "Kull ħaddiem għandu d-dritt għal limitazzjoni ta' sigħat massimi ta' xogħol, għal perijodi ta' mistrieħ kuljum u fil-ġimgħa u għal perijodu annwali ta' leave bil-ħlas". Storikament, din id-dispożizzjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 2 (3) tal-Karta Soċjali tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Punt 8 tal-Karta tal-Komunità dwar id-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema [17]. Skont in-noti ta' spjegazzjoni tas-Segretarjat tal-Praesidium, id-Direttiva 93/104, bħala l-predeċessur tad-Direttiva 2003/88 tal-lum, kienet deċisiva f'dan ir-rigward [18].

52. Konsegwentement, l-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jistabbilixxi d-dritt għal-leave annwali bil-ħlas bħala dritt tal-bniedem disponibbli għal kulħadd [19]. Huwa veru li bħal xi strumenti internazzjonali ċċitati hawn fuq, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ma ġietx rikonoxxuta bħala li għandha portata leġiżlattiva awtentika u għalhekk din primarjament tikkostitwixxi dikjarazzjoni politika. Madan-

14 — M. Zuleeg, "Der Schutz sozialer Rechte in der Rechtsordnung der Europäischen Gemeinschaft", *Europäische Grundrechte-Zeitschrift* 1992, Ħarġa 15/16, p. 331, jirrileva li strumenti li m'għandhom l-ebda effett legali vinkolanti, bħal pereżempju l-Karta tal-Komunità dwar id-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema, iservu primarjament bħala linji gwida. L-iktar l-iktar, dawn jakkwistaw rilevanza legali meta l-qrati jiċċitawhom għall-iskop ta' interpretazzjoni jew żvilupp ulterjuri tal-liġi. W. Balze, Überblick zum sozialen Arbeitsschutz in der EU, *Europäisches Arbeits- und Sozialrecht*, 38, Suppliment 1998, punt 4, jgħid korrettement li, għalkemm il-Karta tal-Komunità dwar id-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema, bħala dikjarazzjoni solenni, ma tipproduċi l-ebda effetti legali vinkolanti fiha nfisha, kienet katalista sinjifikattiva għall-Program ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għall-implementazzjoni tal-Karta tal-Komunità dwar id-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema tat-28 ta' Novembru 1989, li ġiet adottata fl-aħħar ta' l-1989. Il-program ta' azzjoni pprovda għal total ta' 23 proposta speċifika għal direttivi, *inter alia* fil-qasam tas-saħħa u tas-sigurtà tal-ħaddiema u l-parti l-kbira minnhom ġew implementati sal-1993. Għalhekk, isegwi li anki dikjarazzjonijiet solenni jistgħu, bħala sors ta' ispirazzjoni għall-attività leġiżlattiva, fl-aħħar mill-aħħar jakkwistaw rilevanza fl-implementazzjoni tad-drittijiet soċjali fundamentali pproklamati fihom.

15 — Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, ippromulgata fis-7 ta' Diċembru 2000 f'Nizza (ĠU 2000 C 364, p. 1).

16 — L-Avukat Ġenerali Tizzano jasal għall-istess konklużjoni fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża BECTU tat-8 ta' Frar 2001, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 26.

17 — Il-Karta tal-Komunità dwar id-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema ġiet adottata fi Strasbourg fid-9 ta' Diċembru 1989 mill-Kapijiet ta' l-Istati u tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Komunità Ewropea. Il-punt 8 tal-Karta tal-Komunità jipprovdi li "[k]ull ħaddiem tal-Komunità Ewropea għandu jkollu dritt għal perijodu ta' mistrieħ kull ġimgħa u għal leave annwali mħallas. It-tul tal-leave annwali għandu jiġi armonizzat skond prattiċi nazzjonali b'mod li jinkiseb progress" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Eichenhofer, E., *Handbuch des EU-Wirtschaftsrechts* (editur Dauses, M. A.), Munich 2004, Volum 1, D. III., paragrafi 38 u 39, jitkellem f'dan il-kuntest espressament dwar id-dritt għal-leave annwali mħallas bħala 'dritt soċjali fundamentali' li jinsab fil-Karta tal-Komunità.

18 — Ara, f'dan is-sens, H.-W. Rengeling, *Grundrechte in der Europäischen Union*, Cologne 2004, punt 1016, p. 812.

19 — E. Riedel, *Charta der Grundrechte der Europäischen Union* (editur Jürgen Meyer), it-tieni edizzjoni, Baden-Baden 2006, Artikolu 31, punt 20, isostni li r-rilevanza ta' l-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tikkonsisti primarjament fil-fatt li dan stabbilixxa b'mod inkontestabbli, bħala minimu soċjali, il-prinċipji tal-limitazzjoni tal-ħin massimu ta' xogħol, ta' perijodi ta' mistrieħ ta' kuljum u ta' perijodi ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa, anki fil-każ ta' relazzjonijiet ta' impjieg li jinvolvu xiftijiet jew sigħat ta' xogħol varjabbli, u li stabilixxa l-leave annwali mħallas bħala wieħed mid-drittijiet tal-bniedem disponibbli universalment.

kollu, jiena tal-fehma li jkun ħażin li l-Karta ma tingħata ebda importanza fl-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju [20]. Irrispettivament mill-kwistjoni dwar l-istatus legali definittiv tal-Karta fi ħdan is-sistema legali tal-Unjoni Ewropea, li jkollha tiġi kkjarifikata fil-futur, din diġà tikkostitwixxi espressjoni konkreta tal-valuri fundamentali komuni Ewropej [21].

53. Barra dan, hija tirrifletti wkoll sostanzjalment it-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri. Sa fejn nista' nikkonstata, din il-konklużjoni tista' tabilħaqq issir firrigward tad-dritt għal perijodu minimu ta' leave annwali bil-ħlas peress li l-Artikolu 31 (2) tal-Karta huwa bbażat fuq il-kostituzzjonijiet ta' numru kbir ta' Stati Membri [22]. Konsegwentement, huwa perfettament raġonevoli li ssir referenza għall-prinċipju li jirfed l-Artikolu 31(2) tal-Karta fl-interpretazzjoni

20 — L-aħħar darba li esprimejt din il-fehma kien fil-konklużjonijiet tiegħi tat-3 ta' Mejju 2007 fil-kawża Zefeser (C-62/06, punt 54 u n-nota ta' qiegħ il-paġna 43), b'konnessjoni mad-dritt għal smigħ xieraq iggarantit mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, kif għamlu preċedentement l-Avukat Ġenerali Tizzano fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża BECTU, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 28, u l-Avukat Ġenerali Léger fil-konklużjonijiet tiegħu tal-10 ta' Lulju 2001 fil-kawża Il-Kunsill vs Hautala (C-353/99, Ġabra p. I-9565, punti 73 sa 86). Anki l-Qorti tal-Ġustizzja iktar ma jmur qed tibbaża fuq id-dispożizzjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Ara l-iktar reċenti sentenza tas-27 ta' Ġunju 2006, Il-Parlament Ewropew vs Il-Kunsill (C-540/03, Ġabra p. I-5769, punt 38), b'riferiment għar-referenza għall-Karta fil-preambolu għad-direttiva inkwistjoni, kif ukoll is-sentenzi tat-13 ta' Marzu 2007, Unibet (C-432/05, punt 37), u tat-3 ta' Mejju 2007, Advocaten voor de Wereld C-303/05, Ġabra p. I-3633, punt 46).

21 — Ara, f'dan is-sens, M. Poiares Maduro, "The double constitutional life of the Charter of Fundamental Rights", *Unión Europea y derechos fundamentales en perspectiva constitucional*, Madrid 2004, p. 306; Schmitz, T, "Die Charta der Grundrechte der Europäischen Union als Konkretisierung der gemeinsamen europäischen Werte", *Die Europäische Union als Wertegemeinschaft*, Berlin 2005, p. 85 u U. Beyer, C. Oehme, F. Karmrodt, *Der Einfluss der Europäischen Grundrechtecharta auf die Verfahrensgarantien im Unionsrecht, Beiträge zum Transnationalen Wirtschaftsrecht*, Ħarġa 34, Novembru 2004, p. 14. I. García Perrote Escartín, "Sobre el derecho de vacaciones", *Scritti in memoria di Massimo D'Antona*, volum 4 (2004), p. 3586, jassumi li d-dritt għal-leave annwali mħallas, kif inkorporat fl-Artikolu 40(2) tal-Kostituzzjoni Spanjola, huwa prodott tal-istrumenti internazzjonali kollha li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Huwa jsostni li dawn l-istrumenti flimkien ikkontribwew għall-formazzjoni ta' kuxjenza universali jew anki speċifikament Ewropea dwar l-eżistenza ta' dan id-dritt soċjali fundamentali.

22 — Skont id-dritt Komunitarju, huwa primarjament f'idejn l-Istati Membri li jistabbilixxu regoli dwar kundizzjonijiet ta' xogħol. Diversi kostituzzjonijiet fihom salvagwardji rigward kundizzjonijiet tax-xogħol li jinkludu d-dritt tal-ħaddiema għal mistrieħ. Pereżempju, l-Artikolu 11(5) tal-Kostituzzjoni tal-*Lussemburgu* u l-Artikolu 40(2) tal-Kostituzzjoni ta' *Spanja* jobbligaw lill-Istat joħloq kundizzjonijiet ta' xogħol sani u li jipprovdu jew jiżguraw mistrieħ għal ħaddiema (ara S. González Ortega, "El disfrute efectivo de la vacaciones anuales retribuidas: una cuestión de derecho y de libertad personal, de seguridad en el trabajo y de igualdad", *Revista española de derecho europeo*, Nru 11 [2004], p. 423 *et seq.*). Fl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' l-*Italja* hemm regola ferm iktar komprensiva, li hija iktar viċin tal-kliem fl-Artikolu 31 tal-Karta. L-Artikolu 26 tal-Kostituzzjoni tal-Italja jipprovdi *inter alia* għal dritt għal ġurnata ta' mistrieħ fil-ġimgħa u għal leave annwali mħallas. Jidher li l-Kostituzzjoni tal-*Portugall* kienet wieħed mill-mudelli għar-regoli tal-Karta peress li l-Artikolu 59(1)(d) tagħha jistabbilixxi d-dritt għal mistrieħ u għal ħin ħieles, limitu massimu fuq is-sigħat ta' xogħol kuljum, perijodu ta' mistrieħ kull ġimgħa u leave regolari mħallas (ara J. C. Vieira De Andrade "La protection des droits sociaux fondamentaux dans l'ordre juridique du Portugal", *'La protection des droits sociaux fondamentaux dans les États membres de l'Union européenne — Étude de droit comparé'*, Ateni/Brussell/Baden-Baden 2000, p. 677). Fil-parti l-kbira tal-Istati Membri l-antiki ta' l-Unjoni Ewropea d-dritt għal perijodu minimu ta' leave annwali mħallas huwa bbażat fuq leġiżlazzjoni ordinarja li tirrifletti l-obbligi tal-leġiżlazzjoni sekondarja tad-direttiva, sa fejn il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt Komunitarju huwa kkonċernat. B'kuntrast ma' dan, l-Istati Membri l-ġodda, ħlief *Ċipru*, għandhom kodifikazzjoni komprensiva ta' dan id-dritt. Dan huwa l-każ, pereżempju, fir-rigward ta' l-Artikolu 36(f) tal-Kostituzzjoni *Slovakka*, ta' l-Artikolu 66 (2) tal-Kostituzzjoni *Pollakka*, l-Artikolu 70/B(4) tal-Kostituzzjoni *Ungeriża*, l-Artikolu 107 ta-Kostituzzjoni tal-*Latvja* u l-Artikolu 49(1) tal-Kostituzzjoni tal-*Litwanja*, li jiggarantixxu perijodu minimu ta' leave annwali mħallas. Il-kundizzjonijiet ġenerali tax-xogħol huma ttrattati fil-Kostituzzjoni tas-*Slovenja* (l-Artikolu 66), tar-*Repubblika Ċeka* (l-Artikolu 28) u tal-Estonja (l-Artikolu 29(4)) (ara E. Riedel, loc. cit., nota ta' qiegħ il-paġna 19, Artikolu 31, paragrafi 3 u 4)

tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 f'tilwima legali li tikkonċerna n-natura u l-portata ta' dritt fundamentali bħal dak in kwistjoni fil-kawża preżenti [23].

dderogat[…] u li t-twettiq fis-seħħ tiegħu mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jrid jiġi effettwat biss fil-limiti espressament imħabbra mi[d-]Direttiva [93/104 stess]" [24]. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 huma mfasslin bħala regola li tistipula li l-ħaddiem għandu jkun intitolat għal mistrieħ effettiv, bil-għan li tiġi żgurata protezzjoni effettiva tas-saħħa u s-sigurtà tiegħu [25].

3. Id-dritt għal perijodu minimu ta' leave annwali bil-ħlas fid-dritt Komunitarju

a) Il-kompetenza tal-Komunità sabiex tiġi stabbilita l-portata tal-protezzjoni mogħtija mir-regola

54. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet il-portata tad-dritt għal-leave annwali bil-ħlas u ddeċidiet li "[i]d-dritt għal-leave annwali bil-ħlas ta' kull ħaddiem irid ikun ikkunsidrat bħala prinċipju ta' dritt soċjali Komunitarju li għandu importanza partikolari, li ma jistax jiġi

55. Skont il-ġurisprudenza, l-Istati Membri għandhom rwol essenzjali x'jilagħbu fl-implementazzjoni ta' dan id-dritt peress li skont l-Artikolu 17(1) tad-Direttiva 2003/88, l-obbligu li jieħdu l-miżuri meħtieġa jirrikjedi li dawn jistabbilixxu regoli nazzjonali dettaljati għall-implementazzjoni [26]. Dan jinkludi li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet għall-eżerċizzju u l-implementazzjoni tad-dritt għal-leave annwali bil-ħlas u l-Istati Membri huma ħielsa li jippreskrivu ċ-ċirkostanzi speċifiċi li fihom il-ħaddiema jistgħu jeżerċitaw dan id-dritt, li jgawdu minnu fir-rigward tal-perijodi kollha tax-xogħol ikkompletati [27].

56. Ir-referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkluża fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 hija intiża b'mod partikolari biex tippermetti

23 — Fil-fehma ta' S. Smismans, "The Open Method of Coordination and Fundamental Social Rights", *Social Rights in Europe* (edituri Gráinne de Búrca u Bruno de Witte), Oxford 2005, p. 229, il-kwistjoni tar-relazzjoni bejn l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 u d-drittijiet fundamentali, partikolarment l-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, inevitabbilment se tqum fi proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Skond S. Krebber, *Kommentar zu EU-Vertrag und EG-Vertrag* (edituri Christian Calliess/Matthias Ruffert), l-ewwel edizzjoni, Neuwied 1999, l-Artikolu 136 KE, paragrafu 35, p. 1365, il-Karta Soċjali Ewropea u l-Karta tal-Komunità jipprovdu għajnuniet sinifikattivi għall-interpretazzjoni tattifsira tal-kunċetti tal-liġi dwar l-impjieg fil-livell Komunitarju. L. Stärker, *Kommentar zur EU-Arbeitszeit-Richtlinie*, Vienna 2006, p. 81, jattribwixxi lill-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali saħansitra karattru leġiżlattiv billi jirrileva li din id-dispożizzjoni tippreskrivi l-istabbilliment tal-leave annwali mħallas. Fil-fehma ta' G. Benedetti, "La rilevanza giuridica della Carta Europea innanzi alla Corte di Giustizia: il problema delle ferie annuali retribuite", *Carta Europea e diritti dei privati*, 2000, p. 128, 129, f'tilwima legali li tikkonċerna l-portata tad-dritt għal perijodu minimu ta' leave annwali mħallas il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ma tistax tiġi injorata, minkejja l-fatt li legalment mhijiex vinkolanti, peress li fiha dikjarazzjonijiet li jirriflettu t-tradizzjonijiet Kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri. Din għalhekk tiffunzjona bħala punt ta' riferiment jew għajnuna għall-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju.

24 — Sentenzi tas-6 ta' April 2006, Federatie Nederlandse Vakbeweging (C-124/05, Ġabra p. I-3423, punt 28; Dellas *et*, (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punt 49); tat-18 ta' Marzu 2004, Merino Gómez (C-342/01, Ġabra p. I-2605, punt 29); u BECTU (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 43).

25 — Sentenza BECTU (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 44).

26 — Sentenza tas-16 ta' Marzu 2006, Robinson-Steele *et*, (C-131/04 u C-257/04, Ġabra I-2531, punt 57).

27 — Sentenza BECTU (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 53).

lill-Istati Membri jipprovdu qafas leġiżlattiv li jirregola aspetti organizzattivi u proċedurali tat-teħid tal-leave, bħal pereżempju, l-ippjanar tal-perijodi ta' vakanzi, il-possibbiltà li ħaddiem jiġi obbligat jagħti avviż bil-quddiem lis-sid dwar il-perijodu li matulu jkollu l-ħsieb jieħu l-leave, il-kundizzjoni ta' perijodu minimu ta' impjieg qabel ma jkun jista' jittieħed leave, il-kriterji għall-kalkolu proporzjonali tad-dritt għal-leave annwali fejn ir-relazzjoni ta' impjieg tkun waħda ta' inqas minn sena, eċċ[28]. Madankollu, dawn huma dejjem miżuri intiżi preċiżament biex jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-intitolament għal, u l-għoti ta', leave u bħala tali huma permessi mid-Direttiva 2003/88.

57. Kif osservajt fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Schultz-Hoff, li wkoll għada pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja[29] għandha ssir distinzjoni ċara bejn dawn ir-regoli dettaljati ta' implementazzjoni u dawk ir-regoli nazzjonali li jikkonċernaw l-eżistenza proprja tad-dritt għal perijodu minimu ta' leave annwali bil-ħlas, pereżempju billi jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-kisba u/jew id-diskontinwità tad-dritt għal-leave. Għad-differenza tal-obbligu impost fuq l-impjegat, iċċitat bħala eżempju ta' dispożizzjoni dettaljata ta' implementazzjoni bħal din, li jagħti avviż lis-sid dwar meta jkun jixtieq jieħu l-leave annwali, li sempliċement iwettaq funzjoni ta' koordinazzjoni fl-ippjanar operazzjonali tal-vakanzi, il-punt inkwistjoni hawnhekk dwar jekk impjegat li jkun sar inkapaċi għax-xogħol minħabba mard għandux bħala regola dritt għal-leave annwali bil-ħlas jikkonċerna l-eżistenza proprja ta' dritt fundamentali bħal dan.

58. Din il-kawża għandha x'taqsam mhux ma' deċiżjoni dwar il-mod kif il-leave annwali bil-ħlas jiġi implementat[30] jiġifieri, it-traspożizzjoni speċifika ta' dak id-dritt, imma mad-definizzjoni tal-portata ta' dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju, jiġifieri l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88.

59. Jekk din id-dispożizzjoni tiġi interpretata bħala li tfisser li ħaddiema li jkunu saru inkapaċi għax-xogħol minħabba mard ma jkollhom ebda dritt għal-leave annwali *a priori*, dan ikun ifisser li ċerti ħaddiema jkunu qed jiġu esklużi minn dan id-dritt permezz ta' restrizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha *ratione personae*[31].

60. Madankollu, b'rizultat tal-armonizzazzjoni f'dan il-qasam tal-liġi soċjali dwar l-

28 — Kif ġie elenkat fl-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni fil-kawża BECTU, li l-Avukat Generali Tizzano indirizza fil-konklużjonijiet tiegħu f'dik il-kawża, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9 punt 34.

29 — Ara punti l-45 sa 49.

30 — Fil-punt 61 tas-sentenza BECTU, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, il-Qorti tal-Ġustizzja ddecidiet li d-Direttiva 93/104 ma kinitx tostakola lill-Istati Membri milli "jorganizzaw il-mod li bih id-dritt għal-leave annwali mħallas jista' jiġi eżerċitat billi jiġi regolat, pereżempju, il-mod li bih il-ħaddiema jistgħu jieħdu l-leave annwali li huma intitolati għalih matul l-ewwel ġimgħat ta' l-impjieg tagħhom".

31 — Madankollu, dan hu preċiżament dak li l-Istati Membri mhumiex permessi li jagħmlu (ara s-sentenza BECTU, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 52). Għal din ir-raġuni, l-Istati Membri huma prekluži milli jillimitaw b'mod unilaterali l-intitolament għal-leave annwali mħallas mogħti lill-ħaddiema kollha billi tiġi applikata kundizzjoni għal intitolament bħal dan li jkollha l-effett li tostakola lil ċerti ħaddiema milli jibbenefikaw minnu.

impjieg, li qed issir skont l-Artikolu 137(2)(b) KE bħala l-bażi legali tad-Direttiva 2003/88, il-Komunità issa għandha l-kompetenza tid-definixxi l-portata ta' dan id-dritt [32]. Li kieku din il-kompetenza kienet disponibbli għall-Istati Membri, kien ikun impossibbli fil-prattika li jiġi żgurat livell paragunabbli ta' protezzjoni fuq il-livell Komunitarju u b'ħekk li jiġi ggarantit l-għan tal-armonizzazzjoni. Għal din ir-raġuni, l-argument tal-Gvern tal-Belġju u tar-Repubblika Ċeka li d-dritt għall-leave annwali ta' ħaddiem li jsir inkapaċi għax-xogħol minħabba mard jaqa' taħt il-kategorij tal-modalitajiet tal-għoti tal-leave u huwa suġġett għall-poter ta' regolamentazzjoni tal-Istati Membri għandu jiġi respint.

ta' protezzjoni stabbilit mid-dritt Komunitarju li taħtu l-Istati Membri m'għandhomx jinżlu. Kif qalet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill [33] fir-rigward tal-kunċett ta' "kundizzjonijiet minimi" skont it-tifsira tal-bażi legali preċedenti tal-Artikolu 118a tat-Trattat KE, dik id-dispożizzjoni ma tillimitax l-azzjoni tal-Komunità għad-denominatur komuni l-iktar baxx, jiġifieri, l-iktar livell baxx ta' protezzjoni stabbilit fi Stat Membru. Dan il-kunċett għandu minflok jiġi interpretat bħala li jfisser li l-Istati Membri huma liberi li jipprovdu livell ta' protezzjoni iktar strett minn dak li jirriżulta mid-dritt Komunitarju, ikun kemm ikun għoli.

b) Il-livell ta' protezzjoni garantit mid-dritt Komunitarju

61. Nikkunsidra li hu importanti li jiġi mfakkar li l-libertà tal-Istati Membri li jistabbilixxu miżuri nazzjonali ta' implementazzjoni hija ristretta bil-fatt li l-Artikolu 137(2)(b) KE jfittex, bl-adozzjoni ta' kundizzjonijiet minimi, li jiggarantixxi ċertu livell

62. Din l-interpretazzjoni hija kkonfermata bil-kliem tal-Artikolu 136 KE, li jistabbilixxi t-"titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol" bħala għan tal-politika soċjali. Dan l-għan għandu espressament jinkiseb permezz tal-armonizzazzjoni "waqt li jit-kompla t-titjib" [34]. Sabiex jintlaħaq dan il-għan tal-liġi primarja, l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2003/88 jawtorizza lill-Istati Membri japplikaw, jew jiffaċilitaw l-applikazzjoni ta', miżuri li huma iktar favorevoli għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Bl-istess mod, l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2003/88 jiddikjara fir-rigward tal-livell ta' protezzjoni għall-ħaddiema li, filwaqt li l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal miżuri differenti fil-qasam tal-ħin tax-xogħol, sakemm jiġu osservati l-kundizzjoni-

32 — L-Artikolu 137 huwa l-iktar bażi importanti għall-adozzjoni ta' direttivi fil-qasam tal-politika soċjali. Dan jeħtieġ li l-armonizzazzjoni tingħata għan ċert, kif jirriżulta mir-rabta tal-paragrafu 2 mal-paragrafu 1. Għalhekk, l-armonizzazzjoni għandha tiġi effettwata biex tippromwovi l-funzjoni ta' sostenn u tal-ikkumplimentar tal-attivitajiet tal-Komunità fl-oqsma msemmija fil-paragrafu 1(a) sa (i). Skont il-paragrafu 1(a), dan jinkludi l-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem. Sa ftit ilu l-bażi kienet l-Artikolu 118 tat-Trattat KE, li wkoll kellu orjentazzjoni primarjament ta' politika soċjali u konsegwentement kien differenti mid-dispożizzjoni l-oħra li tiddefinixxi l-kompetenza, jiġifieri l-Artikolu 100a tat-Trattat KE (l-Artikolu 94 KE) bil-funzjoni tiegħu li tirrigwarda s-suq intern (ara S. Krebber, loc. cit., nota ta' qiegħ il-paġna 23, l-Artikolu 137 KE, paragrafu 18, p. 1373).

33 — Sentenza tat-12 ta' Novembru 1996, Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill (C-84/94, Ġabra p. I-5755, punt 56).

34 — W. Balze, *op. cit.*, nota ta' qiegħ il-paġna 14, p. 38. Supplement 1998, punt 3.

jiet minimi stipulati fiha, l-implementazzjoni tad-direttiva ma tikkostitwixxix raġuni valida għat-tnaqqis tal-livell ġenerali ta' protezzjoni mogħti lill-ħaddiema [35].

c) Il-livell ta' protezzjoni ggarantit mill-Konvenzjoni tal-ILO Nru 132

64. Fir-rigward tal-pożizzjoni legali tal-ħaddiema li jsiru inkapaċi għax-xogħol minħabba mard il-leġiżlatur Komunitarju jfittex għalhekk li jipprovdi livell ta' protezzjoni li jkun għall-inqas paragunabbli mal-Konvenzjoni tal-ILO Nru 132 [37]. Pereżempju, l-Artikolu 3 (1) tal-Konvenzjoni jidikkjara li 'kull persuna' li għaliha tapplika l-Konvenzjoni għandha tkun intitolata għal leave annwali bil-ħlas.

63. Il-livell minimu ta' protezzjoni li l-leġiżlatur Komunitarju stabbilixxa fir-rigward taddritt għal-leave jista' jiġi aċċertat minn qari tad-Direttiva 2003/88. F'dan ir-rigward għandu jiġi osservat li, għall-kuntrarju ta' dak li ssottometta l-Gvern Olandiż, l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 ma fih ebda restrizzjoni tal-klassi ta' persuni li huma intitolati għal-leave u preċiżament ma jagħmel ebda distinzjoni bejn ħaddiema li huma 'f'saħħithom u kapaċi għax-xogħol' u ħaddiema li huma 'inkapaċi għax-xogħol minħabba mard'. Anzi, mill-kliem ta' din id-dispożizzjoni huwa ċar ħafna li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li 'kull ħaddiem' jingħata perijodu minimu ta' leave bil-ħlas. Barra dan, l-Artikolu 7(1) mhuwiex wieħed mid-dispożizzjonijiet li minnu l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2003/88 jippermetti espressament li jsiru derogi [36].

65. Bħall-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88, din il-konvenzjoni ma fiha ebda eżenzjonijiet li jaffettwaw b'mod negattiv lill-ħaddiema li jsiru inkapaċi għax-xogħol minħabba mard. Dan iwassal għall-konklużjoni li l-protezzjoni li d-dritt Komunitarju jfittex li jiggarantixxi għall-ħaddiema ma tistax taqa', skont l-intenzjoni tal-leġiżlatur Komunitarju, taħt il-livell ta' protezzjoni mogħtija bir-regoli tal-liġi dwar l-impjieg li jinsabu fil-liġi internazzjonali. Madankollu, jista' jingħata lok

35 — Is-sentenza tat-12 ta' November 1996, Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 33, punt 42. W. Balze, Arbeitszeit, Urlaub und Teilzeitarbeit, *Europäisches Arbeits- und Sozialrecht*, 79. Suppliment (Ottubru 2002), B 3100, punt 6, p. 9, jinterpreta r-regoli li hemm fid-direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol bħala dispożizzjonijiet minimi b'konformi mar-raġunament sotto-intiż fl-Artikolu 137 KE u għalhekk l-Istati Membri jistgħu jintroduċu jew iżommu regoli iktar stretti dwar il-ħin tax-xogħol. Madankollu skond l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2003/88 dispożizzjonijiet Komunitarji speċifiċi jieħdu preċedenza fuq id-dispożizzjonijiet tad-direttiva, irrispettivament minn jekk il-livell ta' protezzjoni pprovdut minnhom jkunx inqas dak mogħti middirettiva dwar il-Ħin tax-Xogħol.

36 — Ara s-sentenzi Robinson-Steele *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 26, punt 62) u BECTU (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 41). F'dan is-sens, ara wkoll W. Balze, "Die Richtlinie über die Arbeitszeitgestaltung", *Europäische Zeitschrift für Wirtschaftsrecht*, Nru 7 (1994), p. 207, li ma jara ebda poter sostantiv biex issir deroga minn dawn ir-regoli.

37 — Wieħed għandu jiftakar f'dan ir-rigward li, skond il-premessa (6) tal-preambolu għad-Direttiva 2003/88, għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni l-prinċipji ta' l-ILO fir-rigward talorganizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol. Dan ġie rilevat ukoll mill-Avukat Ġenerali Kokott fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8 tal-Konklużjonijiet tagħha tat-12 ta' Jannar 2006 fil-kawża Federatie Nederlandse Vakbeweging (sentenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24). Fil-fehma tiegħi, interpretazzjoni tad-Direttiva 2003/88 li tieħu in kunsiderazzjoni l-prinċipji essenzjali stipulati fil-Konvenzjoni ta' l-ILO Nru 132 hi essenzjali minħabba l-fatt li l-liġi ta' l-ILO stabbiliet l-istandards internazzjonali rilevanti fil-qasam tal-liġi dwar l-impjieg. Mad-daqqa t'għajn, jeżisti grad wieħsa ta' konverġenza bejn iż-żewġ strumenti legali. Madankollu, minn ħarsa iktar mill-viċin huwa evidenti li ċerti regoli inklużi fid-Direttiva 2003/88 imorru lil hinn mid-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-ILO Nru 132. Għal din ir-raġuni jista' jingħad b'mod korrett dwar id-Direttiva 2003/88 li din tikkostitwixxi żvilupp ulterjuri ta' din il-konvenzjoni li hija speċifika għall-Komunità. (ara J. Murray, *Transnational Labour Regulation: The ILO and EC Compared*, Den Ħaag 2001, p. 185).

għall-biża' li ma jingħatax dan il-livell minimu ta' protezzjoni jekk mill-bidu nett jiġi miċħud xi dritt soċjali fundamentali lil xi kategorija partikolari ta' ħaddiema.

66. Il-fatt li taħt il-Konvenzjoni tal-ILO Nru 132 id-dritt għal-leave ma jistax jiddependi mill-kapaċità tal-ħaddiem għax-xogħol joħroġ ċar ukoll mill-kliem tal-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni, skont liema "assenza mix-xogħol għal raġunijiet li jkunu indipendenti mir-rieda tal-persuna impjegata kkonċernata bħalma huma mard, korriment jew maternità għandhom jingħaddu bħala parti mill-perijodu ta' servizz". Barra dan, l-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni speċifikament jistipula li "perijodi ta' inkapaċità għax-xogħol li jirriżultaw minn mard jew korriment ma jistgħux jingħaddu bħala parti mill-minimu preskritt ta' leave annwali bil-ħlas".

67. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu interpretati, b'mod konformi mal-għan tagħhom, bħala li jfissru li l-kisba tad-dritt għal-leave ma jistax bħala regola jiġi suġġett għal ċirkostanzi li l-kawżi tagħhom ikunu indipendenti mir-rieda tal-ħaddiem ikkonċernat għar-raġuni, pereżempju, li dawn huma r-riżultat ta' ġrajjiet naturali jew jikkostitwixxu każijiet ta' forza maġġuri.

68. Konsegwentement, ir-regoli tal-Konvenzjoni tal-ILO Nru 132 u tad-Direttiva 2003/88 dwar l-istabbiliment tad-dritt għal-leave huma essenzjalment l-istess f'termini tal-kontenut legali tagħhom [38]. L-Istati Membri huma meħtieġa jinterpretaw dawn ir-regoli u jorganizzaw is-sistemi legali nazzjonali tagħhom b'tali mod li l-kisba tad-dritt għal perijodu minimu ta' leave annwali bil-ħlas ma tiġix suġġetta għall-kapaċità tal-ħaddiem għax-xogħol.

69. Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet isegwi li ħaddiem jikseb drittijiet għal-leave sa mill-ewwel ġurnata tal-impjieg u ma jitlifhomx bħala riżultat ta' inkapaċità għax-xogħol ikkawżata minn mard [39]. Għalhekk hu intitolat li jindika perijodu futur bħala leave annwali matul perijodu li altrimenti kien ikun leave tal-mard.

4. Il-projbizzjoni tal-liġi dwar l-impjieg ta' effetti negattivi bħala ostakolu għall-eżerċizzju tad-dritt għal perijodu minimu ta' leave annwali bil-ħlas

70. Għalkemm kull ħaddiem huwa intitolat għal perijodu minimu ta' leave annwali bil-ħlas skont l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva

38 — Konsegwentement, m'hemmx għalfejn jiġi eżaminat sa liema punt l-Istati Membri huma marbutin b'obbligi sostanzjalment differenti li joħorġu mill-Konvenzjoni ta' l-ILO Nru 132 u d-Direttiva 2003/88. Ara, f'dan is-sens, il-kummenti tal-Avukat Ġenerali Tesauro fil-konklużjonijiet tiegħu tal-24 ta' Jannar 1991 fil-kawża Stöckel (C-345/89, Ġabra I-4047, punt 11).

39 — Ara, evidentement fl-istess sens, anki l-Avukat Ġenerali Tizzano, li fil-punt 50 tal-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża BECTU ċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, jesprimi dubju dwar il-kompatibbilità mad-dritt Komunitarju ta' regola nazzjonali li tostakola lill-ħaddiema milli jakkwistaw drittijiet għal-leave mill-ewwel ġurnata tal-impjieg.

2003/88, ma tistax tiġi eskluża l-possibbiltà li l-eżerċizzju effettiv tiegħu f'każijiet individwali jista' jiġi suġġett għal ċerti kundizzjonijiet li, mingħajr ma jqiegħdu fid-dubju l-eżistenza proprja ta' dan id-dritt, huma intiżi biex jiżugraw li l-għanijiet tad-direttiva jintlaħqu.

a) Il-projbizzjoni ta' effetti negattivi skont il-Konvenzjoni Nru 132

71. Jista' jitnissel prinċipju regolatorju ieħor rilevanti mill-Artikoli 5(4) u 6(2) tal-Konvenzjoni tal-ILO Nru 132, jiġifieri li l-leave li jittieħed minħabba mard ma jistax jaffettwa b'mod negattiv id-dritt għal perijodu minimu ta' leave annwali bil-ħlas [40]. Il-fatt li l-perijodi ta' mard jitqiesu ekwivalenti għal perijodi ta' servizz u l-projbizzjoni tal-inklużjoni ta' perijodi ta' inkapaċità għax-xogħol bħala riżultat ta' mard jew korriment fil-perijodu minimu preskritt ta' leave huma intiżi li ma jippermettux li l-leave annwali jikkoinċidi ma' perijodu li hu effettivament riżervat għal-leave għal mard bħala kategorija speċifika ta' leave. Din il-projbizzjoni tad-duplikazzjoni ta' perijodi ta' leave tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-leave tal-mard u l-leave annwali jservu skopijiet differenti u għalhekk m'għandhomx, għal finijiet legali, jitqiesu bħala li jistgħu jiġu skambjati ma' xulxin.

40 — Ara, f'dan is-sens, ukoll I. García Perrote Escartín, *op. cit.*, nota ta' qiegħ il-paġna 22, p. 3584, p. 3595.

b) L-applikabbilità tal-prinċipji żviluppati fil-ġurisprudenza

72. Dan il-kunċett fundamentali jista' jinsab fil-prinċipji affermati mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi tagħha Merino Gómez [41] u FNV [42].

73. Fis-sentenza Merino Gómez il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat ir-relazzjoni skont id-dritt Komunitarju bejn il-leave annwali u l-leave tal-maternità. Din il-kawża kienet tikkonċerna speċifikament il-kwistjoni jekk skont l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88, l-Artikolu 11(2)(a) tad-Direttiva 92/85/KEE [43] u l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 76/207/KEE [44] f'każijiet fejn ftehimiet kollettivi bejn min iħaddem u r-rappreżentanti tal-ħaddiema jiffissaw id-dati tal-leave għall-ħaddiema kollha, u fejn id-dati kkonċernati jaħbtu ma' dawk tal-leave tal-maternità, ħaddiema għandhiex dritt li tieħu l-leave annwali matul perijodu li ma jkunx il-perijodu mifthiem, li ma jaħbatx mal-perijodu tal-leave tal-maternità tagħha. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-iskop tad-dritt għal-leave annwali huwa differenti minn dak tad-dritt għal-leave tal-maternità. Il-leave tal-maternità huwa intiż l-ewwel nett, biex jipproteġi l-kundizzjoni bijoloġika tal-mara u tat-tarbija tagħha matul il-perijodu li jsegwi

41 — Sentenza Merino Gómez (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24).

42 — Sentenza Federatie Nederlandse Vakbeweging (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24).

43 — Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement jew qed ireddgħu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 110).

44 — Direttiva 76/207/KEE tad-9 ta' Frar 1976 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa għal dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess għall-impjiegi, it-taħriġ professjonali, il-promozzjoni u l-kondizzjonijiet tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 187).

t-tqala u t-twelid [45]. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk iddeċidiet li ħaddiema għandha tkun f'pożizzjoni li tieħu l-leave annwali tagħha matul perijodu li ma jkunx il-perijodu tal-leave tal-maternità tagħha [46].

74. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat dan il-prinċipju fis-sentenza FNV u kkjarifikat li dan kien ifisser li fl-eventwalità tal-aggregazzjoni ta' diversi perijodi ta' leave iggarantiti mid-dritt Komunitarju fl-aħħar tas-sena, it-trasferiment tal-leave annwali jew ta' parti minnu għas-sena ta' wara jista' jkun inevitabbli [47], għax perijodu ta' leave iggarantit mid-dritt Komunitarju ma jistax jaffettwa d-dritti li jittieħed perijodu ieħor ta' leave iggarantit minn dik il-liġi [48].

75. Għalkemm it-tqala ċertament ma tistax tiġi ekwiparata ma' kundizzjoni patoloġika, jistgħu jiġu ċċitati diversi raġunijiet biex din il-ġurisprudenza tiġi applikata *mutatis mutandis* għar-relazzjoni bejn il-leave annwali u leave tal-mard. Bħal-leave tal-maternità, il-leave tal-mard huwa intenzjonat li jissalvagwardja l-integrità fiżika u psikoloġika tal-ħaddiem billi jagħtih opportunità, permezz ta' eżenzjoni mix-xogħol u l-għoti ta' perijodu ta' mistrieħ li jirkupra fiżikament u jintegra ruħu mill-ġdid fil-post tax-xogħol. Għad-differenza tal-leave annwali, li jservi biex jipprovdi mistrieħ, żmien ta' distakk, u rilassament, il-leave tal-mard hu għalhekk maħsub biss biex jipprovdi konvalexxenza u fejqan, jiġifieri, biex tiġi kkurata kundizzjoni patoloġika li l-kawżi tagħha, barra dan, jaqgħu barra mill-isfera ta' influwenza tal-ħaddiem ikkonċernat [49].

76. F'dan ir-rigward jeħtieġ li naqbel mal-pożizzjoni li ħadu l-Gvern tal-Italja u dak tal-Polonja u nafferma li, meta jittieħdu inkunsiderazzjoni l-prinċipji żviluppati mill-Qorti tal-Ġustizzja, mhuwiex possibbli li jiġi konkluż li l-leave tal-mard u l-leave annwali jistgħu jaħbtu fl-istess perijodu mingħajr ma jiġu mdgħajfa l-iskopijiet differenti tal-leave annwali u tal-leave tal-maternità. Abbażi tal-prinċipju inerenti fil-ġurisprudenza hawn fuq imsemmija, l-għoti tal-leave tal-mard għaddannu tal-leave annwali bil-ħlas għandu jiġi pprojbit peress li altrimenti dan id-dritt fundamentali jisfa' fix-xejn.

45 — Sentenzi Merino Gómez( iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24, punt 32); tas-27 ta' Ottubru 1998, Boyle *et*, C-411/96, Ġabra I-6401, punt 41); tat-30 ta' April 1998, Thibaut (C-136/95, Ġabra p. I-2011, punt 25); ta' l-14 ta' Lulju, 1994, Webb (C-32/93, Ġabra p. I-3567, punt 20); tal-5 ta' Mejju 1994, Habermann-Beltermann (C-421/92, Ġabra p. I-1657, punt 21); u tat-12 ta' Lulju 1984, Hofmann (C-184/83, Ġabra, p. 3047, punt 25).

46 — Sentenza Merino Gómez (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24, punt 38).

47 — Sentenzi Federatie Nederlandse Vakbeweging (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24, punt 24), u ta' l-14 ta' April 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-519/03, Ġabra p. I-3067, punt 33).

48 — Sentenzi Federatie Nederlandse Vakbeweging (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24, punt 24), Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 47, punt 33), u Merino Gómez (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24, punt 41).

49 — S. González Ortega, *op. cit*. fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22, p. 432, jgħid li l-ewwel stadju tal-leave tal-maternità huwa intiż biex jippermetti lill-omm tirkupra fiżikament u li tipprotteġġi l-kundizzjoni bioloġika tagħha wara l-ħlas. Dan għalhekk iservi skop differenti mit-tieni stadju ta' dan il-leave, li huwa li jippermetti lil omm tieħu ħsieb it-tarbija tagħha u li jippromwovi r-relazzjoni li teżisti bejn l-omm u t-tarbija tagħha. L-awtur jislet paralleli bejn l-ewwel stadju tal-leave tal-maternità u l-leave għal mard u għalhekk jargumenta favur l-applikazzjoni *mutatis mutandis* tal-ġurisprudenza dwar ir-relazzjoni bejn il-leave tal-maternità u l-leave annwali għar-relazzjoni bejn il-leave għal mard u l-leave annwali.

c) Inkomaptibbiltà mal-ispirtu u l-għan tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88

77. B'żieda mad-dubji espressi dwar interpretazzjoni tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 li tagħti opportunità lill-ħaddiem jieħu l-leave annwali tiegħu waqt li jkun bil-leave tal-mard, jista' jiġi argumentat ulterjorment li interpretazzjoni bħal din tkun inkompatibbli mal-għan tad-Direttiva 2003/88 li tiġi mtejba s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem.

78. Mal-ewwel daqqa t'għajn, l-għoti ta' opportunità bħal din tidher li hija estensjoni tad-drittijiet li hu jista' jivvanta u għalhekk ta' vantaġġ mil-lat legali. Barra dan, ħaddiem li jieħu l-leave annwali ħafna drabi jitqiegħed f'sitwazzjoni finanzjarja aħjar milli kieku kien fuq leave tal-mard peress li matul il-leave annwali tiegħu hu jgawdi mid-dritt, skont l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88, li jkompli jitħallas il-paga tiegħu mingħajr ebda tnaqqis, filwaqt li d-dritt tiegħu li jibqa' jitħallas il-paga tiegħu fl-eventwalità ta' mard skont ir-regoli nazzjonali rilevanti huwa biss frazzjoni ta' dan l-ammont. Dan huwa l-każ, pereżempju, fil-kawża prinċipali peress li, skont l-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju [50], l-Artikolu 16(1) RĦX jipprovdi għal ħlas bir-rata ta' paga ta' ġimgħa fir-rigward ta' kull ġimgħa ta' leave. Mill-banda l-oħra, kif ġie ddikjarat mill-Gvern tar-Renju Unit fil-proċedura bil-miktub [51] u kkjarifikat fuq talba tal-Qorti tal-Ġustizzja waqt is-seduta, l-arranġamenti kuntrattwali mal-appellanti dwar każijiet ta' mard kienu jipprovdu għal sitt xhur leave tal-mard bil-paga sħiħa segwiti b'sitt xhur leave tal-mard li matulhom titħallas nofs il-paga.

79. Madankollu, minn eżami legali iktar iddettaljat l-eżerċizzju ta' dan id-dritt millħaddiem ikun jammonta għal rinunzja ta' dritt fundamentali [52] bil-ħlas tal-paga normali bħala korrispettiv. Minħabba l-għan tagħhom iż-żewġ tipi ta' leave ma jistgħux jiġu skambjati ma' xulxin u għalhekk wieħed jeskludi lill-ieħor kif iddikjara korrettement il-Gvern tas-Slovenja. Meta l-leave annwali u perijodi ta' mard assoċjati mal-eżerċizzju tad-dritt għal-leave annwali jidħlu f'xulxin dan iwassal għal rinunzja volontarja tad-dritt għal-leave sa fejn il-ħaddiem ikun, bl-eżerċizzju ta'

50 — Punt 13 tad-deċiżjoni tar-rinviju tal-House of Lords tat-13 ta' Diċembru 2006.

51 — Punt 22 tal-osservazzjonijiet tal-Gvern tar-Renju Unit tat-13 ta' April 2007.

52 — Skond P. Fischinger, "Der Grundrechtsverzicht", *Juristische Schulung* (2007), Ħarġa 9, p. 808, ir-rinunzja għal dritt fundamentali għandha tiġi interpretata bħala li tfisser il-kunsens tad-detentur ta' dritt fundamentali għal impediment speċifiku ta' u preġudizzju għal drittijiet fundamentali. Madankollu, dak li mhuwiex intenzjonat huwa rinunzja permanenti, għal kollox li fil-prattika qajla wieħed jista' jimmaġina, tal-protezzjoni mogħtija minn dritt fundamentali wieħed jew minn diversi drittijiet fundamentali. Għandha ssir ukoll distinzjoni stretta bejn rinunzja għal dritt fundamentali interpretata bħala tali u n-nuqqas ta' eżerċizzju purament fattwali ta' dritt fundamentali. B'kuntrast ma' nuqqas ta' eżerċizzju purament fattwali ta' dritt fundamentali, huwa inerenti f'rinunzja element legali peress li l-persuna li qed tagħti l-kunsens hija obbligata bil-ftehim b'tali mod li ma tistax sussegwentement teċċepixxi li d-dritt fundamentali tagħha ġie ostakolat b'mod illegali. L-ħekk imsejħa 'dimensjoni negattiva' għad-drittijiet fundamentali, li timplika pereżempju, id-dritt tal-individwu li ma jkollu l-ebda opinjoni jew li ma jappartjeni għal ebda skola ta' ħsieb, bl-istess mod m'għandha l-ebda konnessjoni mar-rinunzja għal dritt fundamentali. Fil-fehma ta' R. Adam "Der Grundrechtsverzicht des Arbeitnehmers", *Arbeit und Recht* (2005), Ħarġa 4, p. 130, rinunzja bħal din issehħ fejn id-dritt fundamentali ta' ħaddiem huwa ristrett b'kuntratt jew il-poter ġestjonali tas-sid mingħajr konċessjonijiet reċiproċi bħal fil-każ ta' tranżazzjoni. Meta d-dritt għal-leave jiġi eżerċitat matul perijodi ta' mard ma jista' jkun hemm l-ebda kwistjoni ta' xi konċessjoni mis-sid peress li dan semplicement jobbliga ruħu li jħallas lill-ħaddiem il-paga normali tiegħu mingħajr mal-impjegat jiġi kkumpensat għax ikun issagrifika l-leave annwali tiegħu.

dan id-dritt, qed jaqbel li ma jużax il-leave annwali għall-iskop li għalih kien effettivament intiż u inkambju ta' dan jingħata benefiċċju finanzjarju.

80. Fil-fehma tiegħi, rinunzja bħal din ma tistax tiġi ddikjarata kompatibbli mad-dritt Komunitarju mingħajr ma jiġi ffrustrat l-għan leġiżlattiv tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88. Mhux biss il-funzjoni intiża ta' serħan tad-dritt għal-leave annwali tiġi ostakolata jekk dan id-dritt ma jiġix eżerċitat b'mod xieraq, u b'hekk b'abbuż ta' drittijiet [53], matul perijodi ta' mard. Possibbiltà bħal din ta' rinunzja għal-leave tqiegħed f'ċerti riskji d-drittijiet tal-ħaddiema, kif qalet korrettement il-Kummissjoni. Il-prospett ta' paga kontinwa ogħla matul perijodi ta' mard jista' joħloq inċentiv għall-ħaddiema biex jaċċettaw it-telf ta' din il-pożizzjoni legali. Barra dan jeżisti l-periklu li min jimpjega jista' jinkoraġġixxi lil impjegat biex jirrinunzja għal dik il-pożizzjoni [54]. Madankollu ftehim bħal dan bejn il-partijiet f'kuntratt ta' impjieg, li essenzjalment jipprovdi għall-'fidi' tal-leave annwali, evidentement imur kontra r-regola li tinsab fl-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88, li espressament tipprovdi li perijodu minimu ta' leave annwali ma jistax jiġi sostitwit bil-pagament ta' benefiċċju bħala kumpens għal-leave li ma jkunx ittieħed. Regola bħal din tmur ukoll kontra l-interessi ta' min jimpjega, peress li, minkejja l-ħlas ta' pagament ogħla għal-leave, dan ma jistax jobbliga impjegat li effettivament juża l-leave li jkun ħa għall-konvalexxenza sabiex jirkupra l-kapaċità għax-xogħol.

81. Sabiex jiġu protetti l-impjegati u s-sidien u sabiex jiġi evitat li jiġi mdgħajjef id-dritt fundamentali għal perijodu minimu ta' leave annwali bil-ħlas inkorporat fid-dritt Komunitarju, il-konklużjoni għandha tkun li dan id-dritt fundamentali bħala regola mhuwiex disponibbli għal impjegat biex jagħmel bih li jrid u għalhekk ma jistax jirrinunzja għalih b'mod leġittimu.

## 5. Konklużjoni

82. Konsegwentement, isegwi mill-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq li l-eżistenza tad-dritt għal-leave annwali bil-ħlas ma tistax tiġi suġġetta għall-kapaċità tal-ħaddiem għax-xogħol u għalhekk bħala regola ħaddiem li jsir inkapaċi għax-xogħol minħabba mard għandu dritt korrispondenti għal-leave

53 — Abbuż ta' drittijiet ifisser l-użu mhux xieraq ta' pożizzjoni legali u jillimita l-possibbiltà tal-eżerċizzju ta' dritt eżistenti. Dan iffisser li l-eżerċizzju ta' dritt legali formali huwa ristrett mill-prinċipju tal-*bona fide*. Anki persuna li għandha dritt li, formalment, jista' jiġi infurzat, ma tistax tuża dan id-dritt abużivament. Ara f'dan is-sens Creifelds, *Rechtswörterbuch* (editur von Klaus Weber), is-17-il edizzjoni, München 2002, p. 1109, li jgħid li l-eżerċizzju ta' dritt soġġettiv huwa abużiv fejn, għalkemm huwa formalment konsistenti mal-liġi, jiġi eżerċitat b'*mala fede* minħabba ċ-ċirkustanzi partikolari talkaż individwali.

54 — Fil-punt 32 tal-konklużjonijiet tagħha fil-kawża Federatie Nederlandse Vakbeweging (sentenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24) l-Avukat Ġenerali Kokott indikat li jeżisti riskju simili fil-każ ta' kumpens finanzjarju fir-rigward tal-perijodu minimu ta' leave annwali li jiġi ttrasferit għal sena oħra. Fil-fehma tagħha din il-possibbiltà toħloq inċentivi, li jkunu inkompatibbli mal-għanijiet tad-direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol, li wieħed ma jħux leave annwali jew li impjegati jiġu nkoraġġuti ma jagħmlux dan.

annwali skont l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88. Madankollu dan ma jistax jieħu dan il-leave matul perijodu li altrimenti jiġi kkunsidrat bħala leave għal mard.

B — *It-tieni domanda*

83. It-tieni domanda rrinvjata għandha x'taqsam mal-portata leġiżlattiva tad-dritt għall-pagament ta' benefiċċju bħala kumpens għal-leave li ma jkunx ittieħed ipprovvdut mill-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88. Pagament ta' benefiċċju bħala kumpens għal-leave li ma jkunx ittieħed, jiġifieri, pagament għal-leave annwali mhux utilizzat jissostitwixxi l-ħin liberu mix-xogħol fejn ma jkunx jista' jingħata aktar leave minħabba li r-relazzjoni ta' impjieg tkun ġiet itterminata. Dan id-dritt jikkostitwixxi l-unika deroga mill-projbizzjoni fundamentali ta' kumpens stipulata mid-direttiva li altrimenti tipprojbixxi b'mod kategoriku lill-partijiet f'kuntratt ta' impjieg milli jissostitwixxu l-leave annwali b'pagament ta' benefiċċju bħala kumpens għal-leave li ma jkunx ittieħed, irrispettivament minn jekk dan għandux jittieħed fis-sena kurrenti jew fil-perijodu akkumulat.

84. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, din il-projbizzjoni hija intiża biex tiżgura li ħaddiem normalment ikun jista' jgawdi minn mistrieħ effettiv, bl-iskop li tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tas-saħħa u s-sigurtà tiegħu [55]. Din hi intiża biex jiġi evitat il-'fidi' abużiv tad-dritt għal-leave minnaħa tas-sid jew ir-rinunzja tiegħu mill-impjegat għal raġunijiet purament finanzjarji [56].

85. L-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 jenfasizza l-funzjoni taż-żamma fis-seħħ tal-ħlas tal-paga matul perijodu ta' leave, li hija li l-ħaddiem jitqiegħed, matul dak il-perijodu, f'pożizzjoni li, fir-rigward tar-remunerazzjoni, tkun paragunabbli mal-perijodi tax-xogħol [57]. Fi kliem ieħor, l-obbligu li jsir dan il-pagament matul il-leave jiżgura li l-ħaddiem ikun finanzjarjament kapaċi li effettivament jieħu l-leave annwali tiegħu [58]. Il-pagament ta' benefiċċju bħala kumpens għal-leave li ma jkunx ittieħed m'għandu l-ebda skop ieħor. Dan il-benefiċċju bħala kumpens huwa intenzjonat, bħala regola, li jqiegħed lill-ħaddiem f'pożizzjoni li, anki wara t-terminazzjoni tar-relazzjoni tal-impjieg, ikun jista' jieħu perijodu ta' mistrieħ bil-ħlas qabel ma jibda relazzjoni ta' impjieg ġdida [59]. L-irtirar ta' dan il-benefiċċju jkun ifisser li

55 — Sentenzi BECTU (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 44), Merino Gómez (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24, punt 30) u Robinson-Steele *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 26, punt 60).

56 — Fis-sentenza Federatie Nederlandse Vakbeweging (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 24, punt 32), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-possibbiltà ta' kumpens finanzjarju fir-rigward tal-perijodu minimu ta' leave annwali toħoloq inċentiv li huwa inkompatibbli mal-għanijiet tad-direttiva, li ma jiġix utilizzat il-leave jew li l-impjegati jiġu nkoraġġuti biex ma jihduhx. M. Fenski, "Urlaubsrecht im Umbruch?", *Der Betrieb*, Ħarġa 12 (2007), p. 688, u K. Jacobsen, *Münchener Anwaltshandbuch Arbeitsrecht* (editur Wilhelm Moll), l-ewwel edizzjoni 2005, § 25, punt 102, jagħmlu referenza għall-prattika illegali li jigi 'mifdi' l-leave matul relazzjoni ta' impjieg eżistenti.

57 — Sentenza Robinson-Steele *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 26, punt 58).

58 — A. L Bogg, "The right to paid annual leave in the Court of Justice: the eclipse of functionalism", *European Law Review*, volum 31 (2006), Nru 6, p. 899.

59 — Ara wkoll, f'dan is-sens, l-Avukat Ġenerali Tizzano fl-Opinjoni tiegħu fil-kawża BECTU (sentenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 7, punt 38).

l-għan tad-Direttiva 2003/88, li impjegati jitħallew jirkupraw, ma jistax jintlaħaq.

86. Fis-sentenza Robinson-Steele *et*[60] il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 2003/88 tittratta d-dritt għal-leave annwali u għall-ħlas tal-paga matul dan il-leave bħala żewġ aspetti tal-istess dritt. Fil-fehma tiegħi, din il-funzjoni identika tad-dritt għall-paga u d-dritt għall-pagament ta' benefiċċju bħala kumpens għal-leave li ma jkunx ittieħed timmilita favur li dan tal-aħħar jiġi ttrattat bħala aspett inseparabbli tad-dritt għal perijodu minimu ta' leave annwali bil-ħlas.

87. F'dan ir-rigward ir-risposta għat-tieni domanda ssegwi mill-kummenti tiegħi dwar l-ewwel parti tal-ewwel domanda. B'żieda ma' dan, f'dan il-kuntest nixtieq nagħmel referenza għall-konklużjonijiet fil-punti 77 u 78 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża C-350/06 Schultz-Hoff li għadha pendenti wkoll. Skont dawk il-konklużjonijiet, mhux biss id-dritt għal-leave annwali bil-ħlas m'għandux ikun soġġett għall-kapaċità tal-ħaddiem għax-xogħol. Pjuttost, isegwi minn interpretazzjoni teleoloġika tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 u r-*ratio* tal-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni tal-ILO Nru 132 li perijodu ta' mard għandu jiġi ekwiparat ma' perijodu ta' servizz peress li l-assenza hija dovuta għal raġunijiet li huma indipendenti mill-kontroll tal-ħaddiem u hija għalhekk ġustifikata.

60 — Sentenza Robinson-Steele *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 26, punt 58).

88. Għalhekk, id-drittijiet kollha tal-ħaddiema jirriferu għall-istess perijodu, inkluż id-dritt għal-leave annwali bil-ħlas, li jista' jittieħed meta l-kapaċità għax-xogħol tiġi ripristinata jew li — jekk ir-relazzjoni ta' impjieg tiġi tterminata — jiġi sostitwit b'pagament ta' benefiċċju bħala kumpens għal-leave li ma jkunx ittieħed anki fejn ikun hemm inkapaċità totali għax-xogħol.

89. Għalhekk, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li fejn relazzjoni ta' impjieg tiġi tterminata l-ħaddiema jkunu fi kwalunkwe każ intitolati skont l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 għall-pagament ta' benefiċċju bħala kumpens bħala sostitut għal-leave akkwistat imma li ma jkunx ittieħed minħabba mard. Dan huwa wkoll il-każ fejn il-ħaddiem kien fuq leave għal mard għas-sena tal-leave inkwistjoni kollha jew għal parti minnha.

90. Fir-rigward tad-domanda iktar wiesgħa li tikkonċerna l-kalkolu tal-kumpens dovut, ir-risposta għandha tkun li l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 ma jistipula l-ebda metodu partikolari ta' kalkolu u minflok iħalli l-adozzjoni ta' regoli preċiżi f'idejn il-leġiżlatur nazzjonali. Madankollu, sa fejn il-ħaddiema huma bħala regola intitolati għall-pagament ta' benefiċċju bħala kumpens għal-leave li ma jkunx ittieħed għandu jingħata qies tal-fatt li l-ħaddiem kien oriġinarjament akkwista dritt fl-ammont ekwivalenti għall-paga normali tiegħu. Dan jagħti lok għall-obbligu fuq l-Istati Membri li skont l-Artiklu 7(2) tad-Direttiva 2003/88, jiżguraw li l-ammont tal-benefiċċju bħala kumpens għal-leave li ma jkunx ittieħed li jirċievi l-ħaddiem ikun ekwivalenti għall-paga normali tiegħu.

## VII — Konklużjoni

91. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja twieġeb kif ġej għad-domandi rrinvjati lilha għal deċiżjoni preliminari mill-House of Lords:

1. L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, għandu jiġi interpretat fis-sens li ħaddiem li jieħu leave tal-mard għal perijodu indefinit għandu d-dritt jagħżel perijodu fil-futur bħala leave annwali bil-ħlas, matul perijodu li altrimenti kien ikun inkluż fil-leave għal mard.

   Madankollu, hu ma jistax jieħu dan il-leave matul perijodu li altrimenti kienu ikun inkluż fil-leave għal mard.

2. L-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 għandu jiġi interpretat fis-sens li, fejn relazzjoni ta' impjieg tiġi tterminata, il-ħaddiema huma fi kwalunkwe każ intitolati għal pagament kumpensatorju bħala sostituzzjoni għal-leave li jkun ġie akkwistat imma li ma jkunx ittieħed minħabba mard (benefiċċju bħala kumpens għal-leave li ma jkunx ittieħed). Dan japplika wkoll meta l-ħaddiem kien bil-leave tal-mard għas-sena tal-leave in kwistjoni kollha jew xi parti minnha.

   Fl-evalwazzjoni tal-ammont ta' dan id-dritt, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-ammont tal-benefiċċju bħala kumpens għal-leave li ma jkunx ittieħed li jirċievi l-ħaddiem ikun ekwivalenti għall-paga normali tiegħu.